IR-RABA' KTIEB
TA'
L-EWWEL SENA

DIĊEMBRU
1925

# IL-MALTI

QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

## XFIH DAN IL-GĦADD

Is-Sengħa tal-Kitba (DUN KARM)—Ħsibijiet (DUN KARM)—Il-Katakombi (T.Z.)—Lill-Kittieba tal-Malti (P.)—Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette (Kan. G. M. FARRUGIA)—Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ordni (ĠUŻÈ GATT)—Il-Kelma "Ħal" (T. Z.) — Il-Grammatka Maltija fiċ-ċokon (F. S. CARUANA)—Bejn żewġt iqlub (A. C.)—Lill-Qamar (V. M. B.)—X'jiktbulna—It-Tallaba (ĠUŻÈ MICALLEF GOGGI) STAMPI: Il-Katakombi ta' San Pawl *(Loculi* u Mejda)—Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette.

Direttur G. MUSCAT-AZZOPARDI
89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wiehed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, hlas, jew hwejjeġ ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbaghtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.




IL-KAPPELL U S-SEJF
—TA' LA VALETTE—

[Għal quddiem il-faċċ. 104]

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IR-RABA' KTIEB TA' L-1925

## IS-SENGĦA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 6-9).*

MIRJA *(tissokta.)*

### IS-SULTAN LA VALETTE U L-BELT VALLETTA

( PROŻA )

" Is-Sultan La Valette bena l-Belt Valletta u ħa ħsiebha bħal ma missier jieħu ħsieb bintu: żejjinha u għamilha qawwija quddiem l-egħdewwa tagħha. B'dana kollu, għaliex għadda ż-żmien u hi kibret u ssaħħet, donnha ma beqgħetx tagħarfu, la darba l ebda xbieha minquxa fir-rħam jew għal l-inqas fil-ġebel ma għamlet u żammet tiegħu".

Hekk, bejn wieħed u ieħor, kien jikteb qabel is-sena 1860,—mita tas-sew kien għad ma hawn ebda statwa ta' La Valette fil-Belt—kull wieħed li kien irid iċanfar xi ftit lill-Maltin u flimkien iwiddibhom li ma kienet xejn ħaġa xierqa illi min kien il-bidu tal-Belt u, biex ngħid hekk, rabbiha, ma kellux ix-xbieha tiegħu minquxa fil-ġebel jew fir-rħam u mqiegħda f'xi naħħa li tixirqilha.

Iżda dina kienet tkun *proża*; kliem biered u mejjet wisq għal min għandu qalb mixgħula, u jaf iħobb, u jagħraf il-ġid illi jaqla minn għand min iħobbu.

Isimgħu issa kif igħanniha l-poëta Gio. Antonio Vassallo :

## IS-SULTAN LA VALETTE LILL-BELT VALLETTA

(POEŻIJA)

Belt ta' qalbi, binti l-ħelwa,
Jien minn qabri qomt narak,
Tagħ'rfu xejn lill-missier tiegħek
Li rabbiek u l-barka tak ?

Għaliex ġebla fik ma nara
Illi xxebbah il-wiċċ tiegħi ?
Fi kburitek għax insejtni ?
X'kont tkun int li ma kienx driegħi ?

Jien għalik (u tafu d-dinja)
Jiena kont l-akbar Sultan,
Jien għollejtek fuq bliet oħra,
Jien libbistek il-ħitan.

................................................

Għal kemm ħdimt għalik, ja Binti,
Għal kemm kienet ħelwa l-ħkima,
Jien jidhirli li ma għandha
Tonqos fik għalija l-qima.

F'bosta wħud, ja Binti, tfakkar
Ma' dwar swarek lill-barrani,
M'ekk irid jara l-wiċċ tiegħi
Fejn tibagħtu biex jarani ?

Tajtek ġidi, tajtek għarqi,
Tajtek demmi w-kull ma fija ?
Biss nitolbok għal dan kollu
Tal-wiċċ tiegħi xi turija.

B'liema saħħa u b'liema ħlewwa iqiegħdha ċ-ċanfira! b'liema mħabba ifakkar lill-Maltin f'dak kollu li La Valette għamel għall-Belt ta' Malta biex jagħniha, isebbaħha u jagħmilha qawwija li tkun tista' żżomm il-barra l-egħdewwa tagħha u tar-Reliġjon ! u b'liema

tjieba u għaqal iwiddibhom u jwissihom li ma għandhomx iżidu jonqsu minn dan id-dmir ewlieni tagħhom!

Il-*proża* ta' fuq tista' ġġiegħlek taħseb u tara illi tas-sew kien għajb għall-Belt Valletta li għal medda twila ta' snin ma kienet ħasbet qatt biex tqiegħed ġo ħdanha xi xbieha tas-Sultan La Vallette, bħala tifkira u twissija lill-barranin li jiġu Malta: iżda l-*poeżija* ta' l-aħħar taħsdek, tmurlek dritt ġo qalbek, iġġiegħlek tħoss iċ-ċanfira qawwija daqs kemm hi ħelwa, iġġiegħlek tistħi minn dak li kien imissu sar u baqa' bla magħmul, u fil-waqt illi ġġiblek fawra ta' demm f'wiċċek, tqabbiżlek id-dmugħ minn għajnejk fuq l-imġiba minngħajr ħsieb u minngħajr għaqal ta' dawk li aħna konna nixtiequ bla ħtija u bla tebgħa.

(jissokta.)

**Dun Karm.**

## ĦSIBIJIET ŻGĦAR

### 1.—IT-TALB

It-talb bħall-użin. Qiegħed pis ġo keffa, u itfa għabra tqiq ġo l-oħra. Il-miżien ma jitħarrekx. Itfa għabra oħra, u jarġa ma jitħarrekx, u hekk aktarx għal bosta drabi. Iżda fl-aħħar jasal ħin illi t-tqiq jagħleb u l-miżien jaqleb.

Hekk it-talb. Titlob darba u ma taqlax: titlob darb'oħra u tarġa ma taqlax, u hekk għandu mnejn għal bosta drabi oħra. Iżda fl-aħħar tiġi siegħa mita l-qawwa tat-talb tirbaħ, u l-grazzja tinżel.

**Dun Karm.**



*LOCULI*



IL-KATAKOMBI
TA' SAN PAWL

MEJDA

# IL-KATAKOMBI

Kemm ftit huma dawk li marru jżuru l-katakombi tar-Rabat. X'fihom tara? qalli wieħed. Jekk hemm bosta jaħsbu bħal dan, għidt jien, aħjar wieħed jikteb żewġ kelmiet biex igħarraf x'fihom tara l-katakombi. Il-katakombi, mhux tar-Rabat biss, iżda ta' kullimkien, huma, tista' tgħid, bliet tal-mejtin, oqbra fuq oqbra maqtugħin fil-blat fl-ewwel snin taż-żmien nisrani, bejn it-tielet u l-ħames seklu (300—500 A.D.) wara Kristu.

Il-kelma *katakombi* donnha ġiet mill-Grieg, u ssemma *katakombi* iċ-ċimiterju ta' San Bastjan f'Ruma fis-sena 400 w.K. F'Ruma qatt ma kien hemm katakombi qabel ma xtered id-din nisrani, waħda għax ir-Rumani ma kenux jindifnu fid-dwiemes, u oħra għax id-dfin ta' għalanija deher biss bejn l-insara. Għax l-insara bittwemmin il-ġdid ta' Kristu u bil-għaqda ta' l-imħabba li kellhom bejniethom riedu li fil-mewt jibqgħu flimkien bħal ma flimkien kienu jgħixu f'ħajthom. Il-għâda li n-nies tindifen fi dwiemes jew oqbra maqtugħa fil-blat ġiet mill-Palestina mal-Lhud għax dawk mill-qedem kienu jaqtgħu oqbra fil-blat għad-dfin ta' nieshom. Naqraw fil-kotba mqaddsa kif il-Patrjarki ġew midfuna f'oqbra mħaffrin fil-blat u Sidna Ġesù ġiè mqiegħed f'demus misdud b'ħaġra kbira.

Dawn id-dwiemes tal-Palestina u tal-Qangħan xterdu ma' kull fejn marru l-Feniċi u l-Kartaġiniżi, iżda qabel ġew l-insara baqgħu oqbra waħdiena, għal ġisem wieħed, li ma' xulxin ma kenux jinfdu. Kull bniedem, jew kull dar għaliha.

Missirijietna ta' l-ewwel iżmna ħadu, naħseb mill-Feniċi, il-għâda li jidfnu fid-dwiemes għax minn dawn hemm eluf imxerrda f'Malta u f'Għawdex.

Dawn l-oqbra aktarx huma qatgħa fil-blat, qasba tul u nofs qasba wisa' li mħaffra għall-qasba jew iżjed. Fil-ħajt tal-qatgħa kien jiġi mħaffer il-qabar li kien jingħalaq b'ħaġra kbira rqiqa kemm tgħatti l-fomm tad-demus.

Mela niesna, fi żmien li Ruma ħakmet dawn il-gżejjer, kienu jidfnu fid-dwiemes maqtugħa fil-blat u għalhekk mita saru nsara u ġew jafu li f'Ruma u f'artijiet oħra l-insara tgħallmu jidfnu lil dawk ta' dinhom fil-katakombi, minnufih qatgħu huma wkoll katakombi barra mill-belt il-kbira.

Għalhekk l-akbar katakombi ta' Malta huma ma' dwar ir-Rabat 'il hemm minn San Pawl ta' barra għax is-swar tal-belt

kienu jibdew minn hemm. Ir-Rumani ma kenux iridu dfin ġewwa l-bliet. Il-liġi tagħhom kienet: "*hominem mortuum in urbe ne sepelito neve urito*", li tfisser "ġewwa l-belt u la għandhom jindifnu u l-anqas jinħarqu mejtin". Ir-Rabat għandna l-isbaħ katakombi, ta' San Pawl, ta' Sant'Agta, ta' San Ktald, u oħrajn li huma kbar sewwa għad li bla isem. L-*Abbatija tad-Dejr*, fit-triq tal-Fiddien, hi l-isem ta' katakombi ħdejn il-Knisja *Tax-Xerri*. Hemm katakombi sbieħ u kbar barra mill-Mosta qabel taqbdu n-niżla għal San Pawl-il-Baħar, imsejħin *Tal-Bistra*. Barra minn l-Imqabba hemm il-katakombi *tal-Mintna* maqtugħin u minquxin, ħaġa sabiħa. Għandna l-katakombi msemmija *tal-Liebru* l-isfel mill-Gudja mhux bogħod mit-torri tal-Ġawhar.

Hemm katakombi żgħir il-Gżira ta' San Tumas mhux bogħod mit-torri; fuq wieħed minn l-oqbra maqtugħa kliem imqaddes li juri li kien hemm midfun raġel miqjum u aktarx xi ras kbira tal-Knisja. "*In Nomine Domini Jesu Christi surge et ambula. Domine salvum me fac*". "Fl-Isem Sidna Ġesù qum u imxi. Mulejja ħarisni".

Għax kullħadd ma jmurx jara b'għajnejh dawn l-oqbra fejn l-ewwel insara ta' Malta ġew midfuna mħeġġa bil-fidi l-ġdida u li fil-mewt ma kinux jaraw ħlief id-daħla tal-ħajja ta' dejjem? Min jaf kemm iġsma ta' qaddisin ġew midfuna f'dawk id-dwiemes minsija. (1)

Natu ħarsa lejn il-katakombi ta' San Pawl ir-Rabat, li ġew imnaddfa fl-1894, għax sa dak iż-żmien kienu mimlija bi trab, ħaġar, żibel u kull ma sata jinxeħet fihom ma' tul xi elf sena. Il-lum indaf u mdawla bil-lampi elettriċi.

Tinżel 18-il tarġa u ssib ruħek f'wesgħa. Fuq ix-xellug jidher li darba kien hemm kappella li tinżel għaliha b'żewġ tarġiet. Fuq il-lemin hemm tarag li jieħu għat-triq ta' l-oqbra. Żewġ qatgħiet imdawra donnhom mitħna tal-miexi li hemm f'dil-wesgħa kienu mwejjed li l-ewlênin insara kienu jimteddu ma' dwarhom u jieklu b'tifkira tal-mejjet li kienu se'r jidfnu. Xi talb kien isir ma' dwarhom ukoll.

F'dawn il-katakombi hemm tliet xorta ta' oqbra. Hemm oqbra maqtugħin fil-ħajt, kemm kemm joqgħod ġisem, li kienu jingħalqu b'ħaġra, jew bil-madum u nbagħad jinksew bit-tajn. Ir-Rumani dawn kienu jsejħulhom *loculi*.

(1) Aqraw xi jgħid is-Sur Pawl Bellanti fil-ktieb tiegħu "*Studies in Maltese History*".

Fil-kurituri hemm oqbra donnhom kaxxa mħaffra fil-blat u dina kienet titgħatta b'ċangatura jew b'maduma u kienet tiġi bħal mejda. Għalhekk sejħulhom *sepolcri a mensa*, (oqbra bħal imwejjed). Dawn kienu x'iżjed ta' nies sewwa u ta' familji.

Ftit minn l-oqbra maqtugħin li jixbhu xi oqbra Griegi msejħa "*sarcofagi*" u dawn ma jinsabux ħlief Malta.

Kollox juri reqqa ta' xogħol, twemmin ta' hedu ta' dejjem u ta' tama ta' qawmien f'jum il-ħaqq. Kollox mistur, bla tlellix, bla nqix għax in-nisrani ma għandux juri ruħu kburi iżda għandu jintelaq f'idejn il-ħniena t'Alla. It-tlellix għal għaja in-nies: u fil-mewt in-nisrani ma għandux jaħseb ħlief fid-dinja l-oħra fejn iż-żina li tgħodd hija dik ta' l-egħmil it-tajjeb fil-ħajja, iż-żina fir-ruħ. Hekk kienu jaħsbuha l-ewwel insara u dan igħallmuna l-katakombi. Għalhekk min iżurhom bid-dehen jitgħallem x'kienu jagħmlu missirijietna elfejn sena ilu u x'kienu jaħsbu fuq il-ħajja ta' dejjem u kemm kienu bi twemmin qawwi, jithejjew għaliha.

T. Z.

# LILL-KITTIEBA TAL-"MALTI"

MIN

MOĦĦU . LEJN . OMMU . JIĠBOR

BIEX . LILHA . JKABBAR

ISIMHA . JWEĠĠAH

U . MA' . KULLĦADD . SBUĦITHA . JXANDAR

KBIR . JISSEJJAĦ

QUDDIEM . ID-DINJA

GĦAL . DEJJEM . TA' . DEJJEM

ISMU . MNAQQAX . JIĠI

FIL-KTIEB . TAL-ĦAJJA

TAL-GLORJA.

P.

# IL-KAPPELL U S-SEJF TA' LA VALETTE

Lill-ħhiebi, qarrejja tal-"MALTI", hieni, il-lum, se'r inqiegħed taħt għajnejhom ix-xbieha tal-Kappell u tas-Sejf tal-Gran Mastru Ġwann de La Valette.

Għal min hu biż-żejjed imrawwem fil-ġrajja ta' Malta, ix-xbieha u l-aħbar ta' min kienu, huma biż-żejjed, u għalhekk, dal-kliem li ġej ma hux meħtieġ. Iżda, jien qiegħed nikteb, mhux għal min hu iżjed għaref minni—u bil-ġrajja tal-Gżira jilgħab bija kif irid—imma għal dawk li ma jafux, jew għax ma kellhomx żmien iqallbu l-kotba, jew għax qatt ma ġiehom taħt għajnejhom dal-fdal għani, wirt imbierek u għażiż, ta' waħda mill-ġrajjiet tal-għaġeb ta' l-Ewropa.

Dawn il-mistoqsijiet weħidhom jiġu fil-fomm ta' min jilmaħ din ix-xbieha: Fejn jinsabu dal-Kappell u das-Sejf? Tgħid tassew li huma tal-Gran Mastru La Valette? Kif u għala jinsabu hemm? Għal dawn il-mistoqsijiet, tweġiba bilġri!

* * *

Dawn il-Kappell u s-Sejf jinsabu fil-Kappella, għal-lemin ta' l-Oratorju ta' S. Ġużepp, il-Birgu. Dan l-Oratorju, jew Knisja, fi żmien l-Ordni ta' S. Ġwann, kien jissejjaħ "Sta. Marija Damaxxena" u kien il-Parroċċa ewlenija, fost l-erba' Parroċċi l-oħra tal-Griegi. Hekk kienet kbira l-kotra ta' Griegi li ma' l-Ordni ħallew il-Gżira ta' Rodi u ġew Malta — mita din ġiet mogħtija lilu minn Karlu V — li fil-Birgu, ġew imwaqqfa erba' Parroċċi: ta' Sta Marija Damaxxena; ta' S. Ġorġ; ta' S. Nikola u ta' S. Antnin Abbati. Il-Knisja tal-Griegi tal-Belt, mahix ħlief fergħa ta' Sta Marija Damaxxena, imwaqqfa wara l-Assedju.

* * *

Insibu bosta ħwejjeġ, jew fdal tal-qedem, li fuqhom tismagħhom ipaspru: din jew dak kienet tal-Kruċjati; din ġebuha minn Rodi; dawn kienu tal-kbarat antiki u x'naf jien... Iżda mita ssaqsihom: Kif tafuh dan? għandkom x'turu, biex nemminkhom?

Iwieġbuk: ma għandniex, iżda hekk igħidu. Mhux biż-żejjed, għax jista' jkun hekk, u jista' jkun xort'oħra. Il-Kappell u s-Sejf, li huma tassew ta' La Valette, huma fost it-teżori ġenwini ta' Malta, l-iżjed teżor ġenwin; u mhux biss li għandhom b'xhieda tagħhom: *argumenti intrinsiċi* (fihom infushom); iżda wkoll, *argumenti estrinsiċi* (barra fihom infushom).

Ix-xabla, li taqta, minn żewġt inħawi (*a doppio taglio*) hi ta' l-azzar ta' Damasku, hekk safja, li tista' titgħawweġ bħal kagħka, minngħajr ma titqaċċat; il-marka li fiha mnaqqxa, hi-bil-bosta magħrufa minn l-Armeni li jifhmu fil-Qedem.—Il-Kappell hu tal-feltru iswed, oħxon ħafna, ma jistâx ma jkunx taż-żmien li jgħidu. Dan il-Kappell, billi għal bosta żmien (u jien niftakar) kien jista' jbagħbsu kull maħluq, ġie bosta drabi imniġġes minn l-imqass tal-passiġġieri, biex jieħdu magħhom biċċa *reliquia*; u b'hekk bil-mod il-mod ġiè mċaħħad mill-faldi; u l-lum ma baqâx minnu, ħlief il-qurriegħa. L-argument barra fih innifsu (*estrinsiku*) jew ix-xhieda li hu hu, u mhux xebh, noħduh mill-Kitba bil-Latin ta' taħt in-niċċa, li ġò fiha jinsabu: kitba magħmula bir-rieda tal-Gran Mastru ta' l-Ordni Manwel de Rohan u li bil-Malti tgħid hekk:—

" Manwel Rohan, Gran Mastru ta' l-Ordni ta' Ġerusalemm,
" reġa', mill-ġdid waqqaf, bi kbira qima, il-Kappella, imġarrfa
" imħabba fix-xjuħija, lil l-Omm tas-Saħħa, fis-sena 1779. Huwa
" wkoll ġiegħel u ried, illi dak il-Kappell u s-Sejf ta' Ġwann
" La Valette, Gran Mastru ta' l-Ordni msemmi,—għal żmien
" twil minsija—ikunu mqiegħda flok iżjed xieraq; li fis-sena 1565
" wara li rebaħ it-Torok, u Malta ġiet meħlusa minn l-Assedju,
" wara li kollox reġa' qagħad floku u mwettaq, hawnhekk—
" imħeġġeġ u ferħan — offra lil l-Omm t'Alla *Għajnuna ta'*
" *l-Insara*".

* * *

Min dan li qrajtu, issa tafu kif jinsab hemm u mhux band'oħra: iżda l-qosor ta' l-*Epitaffju* għandu bżonn li jkun imfisser ftit iżjed bir-reqqa.

Sebaħ il-jum tas-7 ta' Settembru tas-sena 1565: għodwa ta' qtigħ il-qalb, għall-Gran Mastru, għall-Kavalieri, għall-Maltin. It-Torok rebħu u ħarbtu St'Elmu, u biċċru sa l-inqas ruħ li kien fih. It-Torri San Mikiel, ħallewh jissara waħdu, jiġbru s-suldati kollha, u l-qawwa u l-qilla tagħhom—miġbura f'naħħa waħda—

jixħtuha kontra l-Kastell S. Anġlu u kontra l-Birgu, li kien il-Belt ta' l-Ordni, u li ġo fih kienu jinsabu miġbura n-nies kollha tal-Gżira—jekk tneħħu dawk tar-Rabat u ta' ma' dwaru.

Suldati fuq il-għoljiet kollha, u kanuni bla qies kollha mħejjija għal biex mill-quċċata tas-Salvatur, ta' Santa Margerita, ta' Ġebel-Ras, jaħbtu, u jtertqu u jfarrku s-Swar tal-Birgu; saff wara saff ta' suldati bis-slielem, bil-katapolti u impalkaturi, lesti biex jirkbu s-swar u l-ambirżuni. Is-swar intertqa, imħaffrin minn taħt, bil-bqaqen ; il-mini mimlijin bil-polvri u mogħtijin in-nar, itiru u joqtlu kull minn jinsab fuqhom jew ma' dwarhom...Il-Maltin u l-Kavalieri, għajjenin, midrubin, kollha dmija, ftit tama baqgħatilhom li jirbħu. Il-għajnuna mwiegħda, mis-Sultan ta' Sqallija, ma hemmx li tasal... x'jagħmlu ? jitolbu biss ! L-id t'Alla weħidha, trid tkun biss, li teħles lil Malta! F'dik il-għodwa, la Valette b'qalb ta' sur, qawwi daqs dawk tal-Birgu, qabel ma jieħu l-kmand, irid jisma' quddiesa u jitqarben. Ma kienx ilu wisq jitlob, mita kavalier imlieheġ jiġi għalih bilġri, u jgħidlu «Eminenza, it-Torok deħlin il-Birgu. Fetħu prexxa, dalwaqt jaqbsu bis-slielem fuq Kastilja u jisbramawna. Ejja, jaħasra, u tina għajnunietek !»—«Mur għidilhom illi wara li tintemm il-quddiesa jiena niġi, ħudu ftit tas-sabar u żommu qawwi». Fidi tassew li tqanqal il-muntanji ! !

Igħidu (u mill-fatti jidher hekk) li għamel wegħda dak il-ħin, lil l-Omm t'Alla, li jekk jirbaħ it-Taqbida, hu, fl-imkien mal-Kavalieri u l-poplu jiġu jiżżu-ħajr lis-Sultana tas-Sema, hemm-hekk; u bħala rahan hemm idendel fuq il-maqdes tagħha is-Sejf u l-Kappell li kellu fuqu dik il-għodwa.

Ix-xewqa tal-Gran Mastru ġiet mitmuma, it-talb tiegħu mis-mugħ mis-Sema; ir-rebħa kienet waħda minn l-aqwa li qatt insem-għet : id-Dinja stagħġbet.

Il-Birgu minn dik inhar ħa l-isem ta' VITTORIOSA (Belt rebbieħa); u wara li sar *Te Deum* fil-Knisja Konventwali u Par-roċċa ta' San Lawrenz, il-Gran Mastru, fl-imkien mal-Kbarat u l-Poplu, mar fil-Knisja ta' Santa Marija Damaxxena, u hemm qiegħed fir-riġlejn ta' l-Omm t-Alla, bħala wegħda u ħajr, il-KAPPELL u s-SEJF, li sal-lum għadhom hemm, biex, mita jrid, jista' jarahom kull maħluq.

**Kan. G. M. Farrugia.**

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-ORDNI

## II

Mita fl-1530 Malta u Għawdex għaddew għal taħt il-Ħakma tal-Kavalieri ta' San Ġwann, fl-Istatuti ta' l-Ordni kien hemm Liġi, magħmulha mill-Gran Mastru Fra Fabrizju di Carretto, (1) li kienet tgħid li jekk Kavalier jistieden lil Kavalier ieħor għad-dwell b'ittra, bil-kliem jew ma' ħaddieħor, u dak li jiġi mistieden jilqa' l-istedina, imorru fil-post miftieħem u jiġri d-demm, imqar il-ftit, ma jkun hemm l-ebda maħfra għalihom: it-tnejn jiġu mneżżgħa minn Kavalieri u mitfugħa l-ħabs għal għomorhom. Jekk fid-dwell ma jiġrix demm it-tnejn jitilfu anzjanità kemm ikun jogħġob lill-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu. Din l-anzjanità taqa' fuq it-tfal Arnaldi (2). Jekk wieħed jistieden għad-dwell u l-ieħor ma jilqâx l-istedina, dak li jistieden għad-dwell jitlef, minn l-anqas, tliet snin anzjanità (3).

Iżda, b'dil-Liġi kollha, il-Kavalieri baqgħu jiddwellaw xorta waħda: fl-Arkivju tal-Kavalieri (fil-Kotba tal-Kunsill ta' l-Ordni, msejħa *Liber Conciliorum)* insibu li weħlu fuq id-dwell bosta Kavalieri:

Fit-12 ta' Marzu 1538, il-Kavalieri Pietro de Felizeo u Filippo Dalbio, talli tgħajru u ssewsu għad-dwell, weħlu l-ħabs: l-ewwel wieħed sitt xhur u l-ieħor erbgħin jum;

Fil-5 ta' Ġunju 1538, il-Kavalier Francesco Marzilla, minnħabba d-dwell, weħel sena ħabs fil-Guva (ħabs mudlam) ġewwa Għawdex;

(1) Di Carretto kien jaħkem l-Ordni mita dan kien għadu f'Rodi, billi kien sar Gran Mastru fl-1513 u dam sa kemm miet f'Jannar ta' l-1521.

(2) Kienu jsejħu *tfal Arnaldi* lil dawk li jkunu l-aħħar nies li daħlu fl-Ordni. Maż-żmien, flok *figliuoli Arnaldi*, bdew isejħulhom *fratelli Fiernaldi.*

(3) Ara: *Statuti della Religione de' Cavalieri Gerosolimitani, tradotti di latino in lingua toscana da Fr. Paolo del Rosso. Firenze, 1570.*

Fit-13 t'April 1561, il-Kavalieri Ludovico Puget u Pietru Desparmier talli stiednu lil ħadd-ieħor għad-dwell, ġew imneżżgħa minn Kavalieri.

Minn dawn il-pieni li ġibna naraw li għadilli l-Ordni kien għamel il-Liġi li semmejna, ma rnexxilux jaqta' d-drawwa tad-dwell minn fost il-Kavalieri—drawwa li l-Ordni kien jixtieq ħafna li jeqridha. Għalhekk, fil-Kapitlu Ġenerali li sar minn l-Ordni f'Settembru ta' l-1574, fi żmien li kien isaltan fuq Malta l-Gran Mastru La Cassière, saret Liġi aktar ħarxa minn ta' qabel, li tolqot mhux biss lil dawk li jiddwellaw, imma wkoll lil dawk kollha li jkollhom anki l-iċken sehem fid-dwell.

Il-Liġi ta' La Cassière kienet tgħid hekk : Billi rridu nilqgħu għall-ħażen ta' dawk li ma jfittxux is-saħħa ta' ruħhom billi jiddwellaw, u b'hekk iwaqqgħu wkoll lil ġisimhom f'mewt kiefra, qtajna li, jekk Kavalier iwaqqa' jew jistieden għad-dwell lil Kavalier ieħor bil-kliem, bil-kitba, jew bi stedina ma' ħadd ieħor, inkella, b'kull xorta ta' għamil ieħor u min ikun mistieden għad-dwell ma jilqâx l-istedina, dak li jistieden għad-dwell, barra milli jkollu l-pieni mogħtija għal dawk li jiddwellaw, mis-Sagru Konċilju u mill-Kostituzzjoni tal-Papa Girgor XIII, jiġi mneżżża' wkoll minn Kavalier għal dejjem, bl-ebda tâma ta' maħfra; jekk dak li jiġi mistieden għad-dwell, jilqa' l-istedina anki jekk ma jkunux laħqu marru fejn kienu ftiehmu biex jiddwellaw, jiġu t-tnejn imneżżgħa minn Kavalieri bla ebda tâma ta' maħfra ; jekk it-tnejn imorru fejn ikunu ftiehmu, u għal kemm fid-dwell ma jiġrix tixrid ta' demm, wara li t-tnejn jiġu mneżżgħa minn Kavalieri, jiġu mogħtija f'idejn il-Ħaqq (1); min iħajjar, ikun ħtija, jew igħin għal biex isir id-dwell, sew bil-kliem, kemm bil-għamil u kemm ukoll b'kull ħaġ'oħra, jew min ikun waqqa' lil xi ħadd biex jistieden lil ħadd-ieħor għad-dwell, kif ukoll min imur iwassal lil dawk li jiddwellaw jew ikun sieħeb magħhom, jiġi wkoll imneżżża' minn Kavalier. Ikollhom ukoll dil-piena, dawk kollha li jiġu msejħa biex jaraw id-dwell, min ikun waħħal

(1) Dawk li jiġu mogħtija f'idejn il-Ħaqq, u jiġu kkundannati għall-mewt, kienu jiġu marbuta ġo xkora u mitfugħa ħajjin il-baħar barra l-Port; iżda, billi l-Ordni fl-aħħar intebah li b'mewt hekk kiefra, aktarx li l-Kavalieri jitilfu ruħhom billi jmutu ddisprati, fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-1588 din ix-xorta ta' mewt ġiet mibdula. Ara Arkivju ta' l-Ordni. Vol. 292, faċċ. 89,— 7 ta' April 1588.

xi mkien il-kitba ta' l-istedina u dawk li jqabbdu lil ħadd-ieħor biex iwaħħalha (1).

B'dil-ħruxija ta' pieni, li kienet thedded il-Liġi li saret minn La Cassière, għal min jiddwella, l-Ordni ma rnexxilux inissel beżgħa fil-Kavalieri li ġiegħlhom jaqtgħu din id-drawwa; għax l-imqârba ta' Kavalieri baqgħu jiddwellaw dejjem, u dan jidher minn l-Arkivju ta' l-Ordni, billi, fil-kotba msejħa *Liber Conciliorum*, insibu dawn il-Kavalieri li lkoll weħlu talli ddwellaw:—

Fit-13 ta' Settembru 1574, il-Kavalier Francesco de Neapoli li ġie mneżża' minn Kavalier.

Fis-26 ta' April 1575, il-Kavalieri Guglielmo de Magnat u Antonio de Platadis li ġew imneżżgħa minn Kavalieri.

Fil-10 ta' Ġunju 1575, il-Kavalieri Roberto de Lampride u Luigi de Argilere li ġew imneżżgħa minn Kavalieri.

Fit-12 ta' Ottubru 1584, il-Kavalieri Vespasiano Longo u Annibale Bono li ġew mibgħuta għal sentejn barra minn Malta.

Minn dawn id-dwellijiet li ġibna naraw li xi wħud mill-Kavalieri ma kienu jibżgħu minn l-ebda Liġi, għax kienu jagħmlu dak li jfettlilhom. Iżda għalkemm dawk li jiddwellaw kienu jeħlu xi kastig, bosta drabi kienu jġibu ħafna skużi ħalli jiktbu Ruma lill-Papa biex minn għandu jaqilgħu l-maħfra. Fuq hekk l-Ambaxxatur ta' l-Ordni f'Ruma, kellu ħafna xogħol, għax kien ikollu, ta' kull darba, imur jitlob lill-Papa l-maħfra għalihom. Biex il-Gran Mastru jeħles lil l-Ambaxxatur tiegħu minn dan ittaħbit, fid-9 ta' Ottubru 1623, bagħat igħidlu li jmur għand il-Papa u jitolbu li jâti s-setgħa lill-Prijur ta' l-Ordni, jew lil ħadd ieħor magħżul minnu, biex, għal li ġej, ikun jista' jaħfer lil dawk li jiddwellaw sa xi għadd imtarraf, jew sa dak il-għadd li jkun jogħġob lilu. Iżda l-Papa, is-setgħa li jkun jista' jaħfer lil dawk li għad jiddwellaw żammha għalih waħdu, u lill-Prijur ta' l-Ordni tah is-setgħa li jista' jaħfer lil dawk biss li kienu diġà ddwellaw (2).

Mela, minn dan li għedna naraw, li għalkemm l-Ordni kien jâti pieni ħorox lil min jiddwella, bosta drabi kien iħenn għalihom billi jaħfrilhom il pieni li jkun waħħalhom.

(1) Ara Vol. 301 ta' l-Arkivju ta' l-Ordni, u "*Gli Statuti della Sagra Religione di San Giovanni Gerosolimitano*", *di Jacomo Bosio. Roma, 1597* Tit.38, facc. 218.

(2) Arkivju ta' l-Ordni. Vol. 255 u 6437.

U mita l-Ordni ntebah li ma swew għal xejn il-Liġijiet ħorox li għamel għal dawk li jiddwellaw,—għax bihom ma rnexxilux jeqred din il-misħuta drawwa, ħaseb li jagħmel ħaġa oħra li biha jkun jista' jaħkem lil dawk li jkunu jridu jiddwellaw. Għalhekk, fil-31 ta' Ottubru 1629, il-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu qatgħu li, biex ibiegħdu kemm jistgħu l-għada ħażina tad-dwell minn fost il-Kavalieri, iheddu li jekk, għalli ġej, kemm dawk li huma Kavalieri, kemm ukoll dawk li huma fin-Novizzjat (biex isiru Kavalieri), jekk jiddwellaw il-barra mill-Bibien tal-Belt Valletta, jew fuq is-swar tagħha, jiġu magħduda bħala ħatja ta' dwell u jkunu kkundannati kif tgħid il-Qasma 38 ta' l-Istatuti li titħaddet mid-dwell: jiġifieri li jiġu mwaħħla fuq il-Liġi li semmejna tal-Gran Mastru La Cassière. (1)

Dak li qatgħu l-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu dwar id-dwell, ġie mwettaq ukoll fil-Kapitoli Ġenerali kollha li saru wara: jiġifieri f'dak ta' l-1631 u fl-ieħor ta' l-1776. (2)

Dil-Liġi li għamel l-Ordni turina sewwa kemm jinsabu mqarrqa dawk il-kittieba li jgħidu li fi triq waħda biss setgħu l-Kavalieri jiddwellaw biex ma jiġux magħduda b'ħatja. Fost dawk li tqarrqu jinsab ukoll il-Konti ta' Borch li konna semmejna.

Dana l-Konti ta' Borch, milli kiteb, jidher li ma kienx imgħarraf sewwa dwar il-Liġi tad-dwell, għax fil-Ktieb tiegħu mar igħid: «li ma jiġux magħduda bħala ħatja ta' dwell dawk biss li jiddwellaw fit-triq id-dejqa ta' qrib il-Palazz,» fil-ħin li l-Liġi li semmejna ma tati privileġġ lil ebda triq iżjed minn triq oħra.

It-triq id-dejka (Strada Federico)—li għad-djuqija tagħha kienu jgħidulha Strada Stretta (*Triq Dejqa*) wkoll—kienet l-aktar li tiġi magħżula mill-Kavalieri biex jiddwellaw fiha, mħabba dawk ir-raġunijiet li tajna fl-Ewwel Taqsima. Il-bqija, id-dwell kien jista' jsir fit-toroq l-oħra kollha tal-Belt, barra minn fuq is-swar bħal ma tgħid il-Liġi li semmejna.

Mita l-Ordni għamel din il-Liġi, il-ħsieb tiegħu kien,—bħal ma jgħid il-Konti ta' Borch—li jiġbor fil-Belt lil dawk il-Kavalieri kollha li jkollhom xi jgħidu bejniethom, ħalli dawna, bl-iskuża li jistgħu jiddewellaw ġol-Belt bla ma jaqgħu taħt il-pieni ħorox li jheddu l-Istatuti ta' l-Ordni, ikollhom jiddwellaw qalb in-nies, u hekk, malajr jinkixfu u jiġu arrestati. (3)

(1) Ark. ta' l-Ordni. Vol. 109, faċċ. 222.
(2) L-istess Vol. 308 u 309.
(3) Ara *Lettres sur la Sicile et l'Isle de Malthe*. Turin, 1782.

Il-piena li kienu jeħlu dawk li jiddwellaw ma kinetx tkun kbira; iżda xi drabi, bla ma sibna l-għala, kienet tkun xi ftit imsawra wkoll, bħal ma wieħed jista' jara minn dawn id-dwellijiet:

Fl-14 ta' Lulju 1708, il-Kavalier Le Roux de la Corbinière weħel xahrejn ħabs fit-Torri, talli ddwella mal-Kav. Guerino de Torres, billi hu (Corbinière) kien il-ħtija tad-dwell. L-ieħor (De Torres) għaddewlu bħala piena ż-żmien li dam arrestat.—Fl-istess jum, iż-żewġ nobbli Gioacchino Franc. de Chambrais u Giacomo Montsovant, weħlu xahrejn fil-Kastell, fuq li ddwellaw fejn it-tnejn baqgħu feruti ħafif.—Fit-3 ta' Ottubru 1724, żewġ Kavalieri weħlu 3 xhur fil-Kastell, fuq li ddwellaw u tferew ħafif.—Fid-9 ta' Jannar 1731, in-nobbli Luca d'Argens u Gius. de la Touche weħlu xahrejn fil-Kastell, fuq li ġġieldu u dwellaw, fejn t-tnejn baqgħu feruti (1).

Fit-18 ta' April 1771, għal filgħaxija, sar dwell fil-Pjazza tal-Kavalieri, (illum Pjazza Tesoreria) taħt il-gallarja tal-Palazz tal-Gran Mastru, bejn żewġ Kavalieri Franċiżi: Cornillière u Bordonè, fejn baqa' ferut dan ta' l-aħħar. L-ewwel iġġieldu bl-idejn, fejn Cornillière baqa' miġruħ f'sidru, u nbagħad ħarġu x-xwabel u ddwellaw. Ġew arrestati t-tnejn: Cornillière ġie mibgħut il-ħabs tal-Kastell Sant'Anġlu, u Bordonè ġie miżmum arrestat magħluq f'daru (2). Fit-30 ta' Awwissu ta' l-istess sena, il-Kavalier li kien il-ħtija li sar id-dwell (il-Kittieb ma jgħidx liema minnhom) weħel sentejn ħabs fil-Guva u tliet snin fil-Kastell, u l-ieħor weħel 6 xhur fil-Guva u sena fil-Kastell (3).

Għalkemm minn dad-dwell ta' l-aħħar rajna li dawk li ddwellaw weħlu xi ftit sewwa, iżda wieħed għandu jqis li l-piena li weħlu hija dejjem żgħira fejn il-pieni ħorox li jheddu l-Istatuti ta' l-Ordni għal dawk li jiddwellaw barra l-Belt u fid-dwell jiġri ddemm.

(*Jissokta*) **Ġużè Gatt.**

(1) Ark ta' l-Ordni. Vol. 228 b.

(2) L-Ordni kellu drawwa, li xi drabi lill-Kavalieri, flok ma iżommhom arrestati fil-Kastell, kien iġiegħlhom joqogħdu magħluqa f'darhom, bla ma jistgħu joħorġu minngħajr permess. Kull min kien jikser dan il-kmand u joħroġ, kemm dawk li jkunu arrestati f'darhom u kemm dawk li jkunu fil-Kastell l-ewwel darba kienu jeħlu sena anzjanità; it-tieni darba, sentejn; u mat-tielet, kienu jiġu mneżżgħa minn Kavalieri. Ara "*Codice del Sacro Ordine Gerosolimitano.* Malta, 1782. facc. 411, Tit. 18, par. 24.

(3) Ara Manuskritt tal-Bibljoteka għadd 1146, Vol. 2.

# IL-KELMA "ĦAL"

Fil-"MALTI" ta' Settembru deher x'jaħseb G. V. fuq il-kelma *Ħal*—Ma naqbilx ma' G. V. fuq it-tifsir li tâ. Jien naħseb li l-kelma *Raħal* ġejja mill-kelma għarbija *Aħl* li tfisser ġemgħa ta' nies miġbura f'ħâra waħda għax ġejjin minn nisel wieħed. Fil-Palestina (Qangħan) għaqda ta' nies waħda jagħmlu *Aħl*: nies ġejjin minn ġebbieda waħda; dak li l-lum insejħu *familja*, miġbura flimkien jagħmlu *aħl.*

Mita n-nies ta' l-Affrika u tal-Palestina flok djar kellhom tined, dawk ta' nisel wieħed kienu jinġabru ma' xulxin għax id-demm jiġbed u dik il ġabra nies taħt isem wieħed kienu jissejħu *ħal.* Ħal-tal-Lew, Ħal-tal-Millieri, Ħal-tas-Safi, jew fil-qasir Ħal-Lew, Ħal-Millieri, Ħal-Safi.

Billi dawn tat-tined kienu iktarx jitħarrku u jimxu flimkien għal fejn isibu ruħhom aħjar, fejn ikun hemm *ħal* jibqa' ismu, ukoll jekk il-*ħal* ikun tħarrek. Għalhekk, naħseb, li għandna ħafna ismijiet ta' *rħula* li ma għadhomx jinsabu u li l-anqas baqa' ħajt jew għorna biex turi fejn kienu. Għax b'tinda tmur fejn trid u ma tħallix atar warajk. Fejn huma, jew fejn kienu, Ħal Lew, Ħal Manin, Ħal Tmien, Ħal Muxi, Ħal Kaprat?

Naħseb ukoll li iktarx ġara dak li għedt jien għax m'hux l-irħula kollha għandhom *Ħal* qabel isimhom. Dawk l-irħula li għandhom isimhom mis-sura jew mill-bixla ta' l-art fejn ġew imwaqqfa ma għandhomx *Ħal* qabel isimhom. Il-Gudja (fuq għolja), l-Imqabba (fuq ħotba), il-Mosta (f'nofs il-gżira), in-Naxxar (fuq quċċata) ħadu l-isem minn l-art fejn twaqqfu u m'hux min-nies li waqqfuhom bħal Ħal-Luqa, Ħal-Qormi, Ħaż-Żebbuġ.

Il-Kelma *raħal* naħseb li nħolqot minn *aħl* li tħawdet biżżmien ma' *raħħâl*, li ma hux *raħli* iżda *ragħaj*; wieħed bil-*merħla*; hekk naħseb daħlet l-R fil-kelma. Bil-Għarbi *râħil*, jew *raħħâl* hu raġel li jimxi minn pajjiż għal ieħor, *raħîl* hija mixja twila, *raħla* mixja waħda.

Aħna għal mixi twil ma għandniex dil-kelma ta' *raħla* imma għal wieħed telaq għal mixja jew għal vjaġġ ngħidu *rħielha*. *Rħielha* lejn Tunes, *rħiela* għall-Mellieħa.

Minn dan kollu naħseb li *Raħal* u *ħal* ġejjin minn kelma qadima *Aħal*, ġabra ta' qraba, ġirien. Il-ħażż *L* jinbidel f-R bla tqanżiħ ta' xejn — Flok "*ġej mil l-Aħal*" wieħed isibha ddur iktar għal-lsienu jekk igħid "*mir-raħal*". Dan il-bdil ta' l-ittri li jixxiebhu fil-ħoss isir sikwit. Minn *Aħl*, jew *Aħal*, il-kelma *ħal* tiġi bla tbatija. *Aħal-Muxi*, f'ħalq il-Malti, isir Ħal-Muxi, għax għall-heffa tal-kliem din isibha timxi iżjed.

T. Z.

# IL-GRAMMATKA MALTIJA FIĊ-ĊOKON

*(Tissokta ma' ta' qabel u tispiċċa).*

## IL-PARTIĊELLI

Il-Partiċelli li jista' jkollhom jingħaqdu mal-kelma ta' wrajhom huma :

1. bi, fi, xi,
2. bħal, għal, lil, magħ, tagħ, sa, minn, da(n), di(n), ġo.

L-oħrajn jibqgħu għalihom quddiem il-kelma tkun xi tkun.

1. a) Mita l-ewwel żewġ ittri tal-kelma ta' wara *bi*, *fi* u *xi* huma waħda vokali u l-oħra konsonanti, l-*i* taqa' u flokha jidħol appostrofu. Eż : *B'rebħa*, *f'artna*, *x'qallek*.

b) Mita l-ewwel żewġ ittri tal-kelma huma t-tnejn konsonanti, jibqgħu sħaħ u maħlula minnha. Eż : *Bi sħab*, *fi ħdan*, *xi smajt*.

ċ) Ma' kliem ta'sillaba waħda u ma' l-artikolu jistgħu jingħaqdu. Eż : *Bdan*, *flok*, *xħin*. *Bl-ikrah*, *fis-sema*.

Il-partiċella *xi*, mita tfisser *waħdiet*, tinkiteb dejjem *xi* u qatt *x'*, imqar quddiem vokali. Eż: *Xi tifel*, *xi tfal*, *xi omm*. Għalhekk ikteb *xi wħud* u mhux *x'uħud*.

2. a) Il-partiċelli *bħal*, *għal*, *lil*, *magħ*, *tagħ*, *sa*, *minn*, *da*(n) *di*(n), *ġo* jingħaqdu biss ma' l-artikolu u jsiru *bħall-*, *għall-*, *lill-*, *mal-*, *tal-*, *sal-*, *mill-*, *dal-*, *dil-*, *ġol-*,—u dan biss mita l-kelma tkun tibda b'konsonanti. Eż: *Bħall-ħobż*, *mas-saqajn*, *dix-xitla*, *ġol-forn*.

b) Quddiem kelma bl-artikolu, li tkun tibda b'vokali, qatt ma jingħaqdu ma' l-artikolu. Eż: *Bħal l-oħrajn*, *lil l-egħdewwa*, *ta' l-imwiet*, *minn l-ilma*.

Il-partiċelli *magħ*, *tagħ*, (li jinkitbu *ma'*, *ta'*) mita jingħaqdu ma' l-artikolu, jitilfu l-*għ* Eż: *Mal-ħajt*, iżda *ma' l-ogħla*.

[Quddiem kelma, bla artikolu, li tibda b'vokali, il-*ma'*, *ta'* *sa* isiru *m'*, *t'*, *s'*. Ez: *M'ommi*, *s'issa*.]

Il-partiċella *minn* ma' l-artikolu ssir *mill-*: iż-żewġ *nn* jixxiebhu f'żewġ *ll* Eż: *Mill-bogħod*, iżda *minn l-eqreb*.

Iż-żewġ *ll* ta' *bħall-*, *għall-*, *lill-* u *mill-* quddiem kliem li jibda bl-ittri xemxijin (*x*, *ċ*, *ġ*, *d*, *s*, *t*, *ż*, *z*, *l*, *n*. *r*) jixxiebhu u jsiru ittra waħda. Eż: *Bħax-xemx*, *lis-sinjur*, *mil-lemin*.

(Ara t-*Tagħrif* faċċ. 103-108).

Il-partiċella *lil* minn xi daqqiet tinħass *il* jew *l* u din ma għandhiex titħallat ma' l-artikolu *l-* għalhekk għandha tinkiteb *'il* jew *'l*: *Sejjaħ 'il wieħed*, *sejħu 'l wieħed*.

Mita *lil* tkun bl-artikolu (*lill-*) jiġi li tinħass ukoll *il* jew *l* u biex tidher li jkollha l-artikolu magħha għandha tinkiteb *'ill-* jew *'l-* Eż: *Sejjaħ 'ill-mara tiegħi*, *sejħu 'n-nisa tagħkom*.

(Ara t-*Tagħrif* faċċ. 109).

Mita l-kliem li jieħu l-partiċella *lil* ma jkunx irid l-artikolu, noqogħdu attenti li miegħu niktbu *lil* (*'il*, *'l*) u mhux *lill-* (*'ill-*, *'l-*). Eż: *Nitolbu 'l Alla*, iżda *nisħtu 'l-allat*. *Alla* ma tiħux artikolu: *allât*, iva.

Il-ħwejjeġ ta' bla ruħ, fl-akkużattiv, ma jeħdux il-partiċella *lil*: "Rajt *lil* xi ħadd (lil xi persuna)" iżda "rajt xi ħaġa". Għalhekk: *Rait 'ıl Karmnu*, (lil Karmnu), *rajna 'l-maqbud*, (lill-maqbud); iżda *rajt ktieb*, *rajna l-ktieb tiegħek*.

Biex tkun taf jekk għandekx tikteb *bħall-ħbieb*, *għall-ħbieb*, *lill-ħbieb* (bl-artikolu) jew *bħal ħbieb*, *għal ħbieb*, *lil ħbieb* (minngħajr artikolu), quddiem *ħbieb* qiegħed il-partiċella *ta'* u jekk din issir *tal-* ikteb *bħall-ħbieb* etc., jekk tibqa *ta'* ikteb *bħal ħbieb* etc.

## IL-QAGħDA TAL-*Għ* u L-*H*.

Ħafna għiltijiet isiru wkoll fil-qagħda tal-konsonanti *għ* u *h*.

Il-grammatka, bir-réguli tagħha, tgħallimna kif niktbuhom sewwa. (Ara t-*Tagħrif* faċċ. 111), Hawn nistgħu ngħidu kif bla taħbil żejjed tal-moħħ, nistgħu, bxi mod, nagħàrfu niktbuhom.

Inqabblu dik il-kelma li jkun fiha *Għ* jew *H* ma' oħra li tkun ta' l-ISTESS GħAMLA u li fiha minn flok il-*Għ* jew il-*H* ikun hemm *Ħ* (jew konsonanti oħra) u fdik il-kelma nqiegħdu l-*Għ* jew il-*H* quddiem jew wara l-vokali kif tkun qiegħda l-*Ħ* fil-kelma l-oħra.

### FIL-BIDU.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Bħal *Ħ*àmel | — a*Ħ*mel | (*imp.*) | — na*Ħ*mel | — ma*Ħ*mula |
| ikteb *Għ*àmel | — a*Għ*mel | („) | — na*Għ*mel | — ma*Għ*mula. |
| Bħal *Ħ*àmmel | — *Ħ*ammel | („) | — in*Ħ*ammel | — im*Ħ*ammla |
| ikteb *Għ*àmmed | — *Għ*ammed | („) | — in*Għ*ammed | — im*Għ*ammda. |
| Bħal *Ħ*àżż | — *Ħ*ożż | („) | — in*Ħ*ażż | — ma*Ħ*żuż |
| ikteb *Għ*add | — *Għ*odd | („) | — in*Għ*add | — ma*Għ*dud. |

FIN-NOFS.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bħal | Di*L*ek | — | mid*L*uk | — | midi*L*ka (*i* eufonica) | |
| ikteb | ba*Għ*ad | — | mib*Għ*ud | — | mibe*Għ*da (*e* eufonica). | |
| Bħal | ki*S*er | — | ki*S*ra | — | nik*S*ru | |
| ikteb | fe*H*em | — | fe*H*ma | — | nif*H*mu u mhux *nifmhu.* | |

FL-AHHAR.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bħal | kise*R* | — | kis*R*a | — | niks*R*u | — | kisi*R*ha |
| ikteb | laqa*Għ* | — | laq*Għ*a | — | nilq*Għ*u | — | laqa*Għ*ha. |

Għall-kitba ta' «erb*għ*a, seb*għ*a, dis*għ*a» nimxu fuq il-kitba ta' «ħam*s*a» u għalhekk mita nħossu li għandna niktbu «il-ħame*s*» niktbu wkoll «ir-raba*għ* (raba'), is-seba*għ* (seba'), id-disa*għ* (disa')». Mela ħame*s* ħobżiet—ħam*s*a min-nies erba*għ* ħobżiet—erb*għ*a min-nies.

Mita l-*għ* tkun l-aħħar ittra tal-kelma u ma tkunx tinħass, jidher minn flokha appostrofu: *qala'*, *semma'*, *ma'*, *ir-raba'* iżda mita tieħu l-ħoss ta' *ħ* għandha dejjem tidher: *qligħ*, *żebagħ*.

Fil-bidu tal-kelma, il-*għ* ma titħaxkinx ma' konsonanti oħra. Għad illi niktbu «*HM*ilt minn *H*a*M*el» ma nistgħux niktbu «*GħM*ilt minn *Għ*a*M*el» iżda *għamilt* jew *agħmilt.*

Hekk ukoll niktbu «*FK*ieren minn *F*e*K*run» iżda le «*GħS*afar minn *Għ*a*S*fur». Niktbu *għasafar* jew *agħsafar*. (Ara t-*Tagħrif* faċċ. 23 T. ċ (2).

ĖGħLUQ

I.

Għandna 5 Verbi li għandhom il-għerq jispiċċa bil-konsonanti *H* għad li fxi tiswir—iżda mhux fit-tiswir kollu—tinħass *H* (Ara t-*Tagħrif* faċċ. 89. Għadd 56).

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *1.* | *XeBaH* | ara | *xbieHa.* | Għalhekk | *xebh*, | *jixbhu*, *jixbahha.* |
| *2.* | *NeBaH* | ,, | *nbieHa.* | ,, | *nebh*, | *nebbahha*, *stenbah.* |
| *3.* | *WeĠaH* | ,, | *weġHa.* | ,, | *ġieh*, | *weġġahha*, *weġġhu.* |
| *4.* | *BoLoH* | ,, | *bluHa* | ,, | *belha*, | *imbellah*, *bellhu.* |
| *5.* | *KoRoH* | ,, | *kruHa* | ,, | *kerha*, | *mkerrah*, *kerrhu.* |

Għandna 2 Verbi li għad li l-għerq tagħhom jispiċċa bil-*Għ* fit-tiswir tal-kelma ma jimxux għal kollox ma' sħabhom *QaLaGħ*, *ĠaMaGħ* etc. Dawn huma

*ŻeBaGħ* u *FoRoGħ*

Fejn ngħidu u niktbu *qala' qlajt*, *qlajna* għandna niktbu *żabagħ*, *żbagħt*, *żbagħna*—*forogħ*, *frogħt*, *frogħna*. Dan jiġri għax il-*Għ* ta' *żabagħ* u *forogħ* hi iżjed qawwija minn ta' *qalagħ*, *ġamagħ*, etc. (*) Għalhekk tiktebx *żbajt* flok *żbagħt* etċ.

II.

Billi l-ħoss twil ta' *i* jew *ie* quddiem il-konsonanti tal-gerżuma *għ*, *h*, *ħ*, *q*, jista' jqarraqna, tajjeb li wieħed jiftakar dan;

Il-kliem li jfisser l-egħmil ta' xi ħaġa (*nomi infinitivi*) jinkiteb bil-vokali *i* qabel l-aħħar konsonanti: u għalhekk bħal ma niktbu *qtil*, *tqattir* niktbu wkoll *ġmigħ*, *inbiħ*, *tixbih* — waqt li l-isem ta' min jagħmel dak l-egħmil jinkiteb bil-*ie*: *ġemmiegħ*, *nebbieħ*, *xebbieh*.

Mill-bqija ikteb *ie* mita tkun flok *â*:—

*saħħiet* flok *saħħa-t*
*ħallieh* ,, *ħalla-h* = *hu ħalla lilu*, iżda
*ħallih* ,, *ħalli-h* = *int ħalli lilu*.

Hekk ukoll *biegħ*, *fieq* u l-verbi moħfijin l-oħra kîf ukoll *blieh*, *xjieħ*, *djieq*, u l-verbi mnisslin ta' dil-għamla.

Barra minn dawn, tajjeb li wieħed jiftakar jew iżomm quddiem għajnejh l-ortografija ta' dal-kliem li hi mibnija fuq l-*etimoloġija* tal-kelma.

| | | | |
|---|---|---|---|
| bih-a | ħlieqa (*ċajta*) | riħ—rjieħ | sieq |
| bittiħ-a | ħliqa (*min hu maħluq*) | riħa | tieqa |
| bżieq | mistrieħ | riq | tqiq |
| driegħ | musbieħ | rqiq-a | triq |
| dulliegħ-a | nieqa | sabiħ-a | tuffieħ |
| fih-a | nixxiegħa | sbieħ | xbieh-a |
| ġieh | qatigħ | sħiħ-a | xħiħ-a |
| għalih-a | qiegħ-a | siegħ | xiħ-a |
| | | siegħa | xniegħa |

F. S. Caruana.

TMIEM

(*) Fil-Malti, bħal fil-Għarbi, hemm żewġ *Għ*: waħda iżjed qawwija minn l-oħra, iżda billi fil-Malti t-tnejn iktarx jinħassu xorta, jinkitbu t-tnejn *Għ*.

Hekk ukoll hemm żewġ H. Il-*ħ* ta' *ħareġ* hi izjed qawwija mill-*ħ* ta' *ħaraq*; iżda fil-Malti t-tnejn jinħassu xorta.

# BEJN ŻEWĠT IQLUB

Biċe kienet rieqda. Ommha daħlet siekta, siekta, bil-lampa f'idha; ressqet id-dawl ma' wiċċ it-tifla, għamlet idha x-xellugija fuq moħha... (kienet taħraq nar..) qiegħdet il-lampa fuq it-twaletta... ġabret truf il-liżar u l-għata ma' dwar għonq iċ-ċkejkna, niżżlet kemm xejn id-dawl li taħt il-paralûm aħmar baqa' jiddi bħal ġamra ta' nar fid-dlam u qabdet tinża'. Fil-waqt ċempîla l-bieb. Min ġie?

* * *

Biċe ta' xi ħames snin bil-kemm, tifla waħdiena ta' Matilde — armla minn xi sena — kienet ilha mhix f'siktha minn xi tlitt ijiem. Dik il-lejla kellha sogħla kbira u ftit tad-deni. It-tabib Andrè bagħat igħid 'l ommha: "Xejn ma għandek għalfejn titħasseb. Biċe ħadet riħ u għandha ftit tad-deni. Żommha fis-sodda għas-sħana, u tiha porga ħafifa u xejn iżied ħlief tè bil-ħalib.

"Għada fil-għodu nidher dehra. Sejħuli malajr malajr. Nagħli għax inqastek. Għoddni dejjem tiegħek Andrè".

Matilde qabdet mill-ġdid l-ittra u qratha u flietha kelma b'kelma.

"It-tabib, li sata', kien jiġi. Kellu x'jagħmel ta' bil-ħaqq". Ħasbet. Fil-waqt ċempel il-bieb.

* * *

Kienu l-għaxra ta' bil-lejl. L-aqqal tax-xitwa. Il-qamar jiddi ġmielu. Matilde ħiemda, ħiemda fetħet il-bieb li jâti għall-pjan tat-taraġ. Il-pjan u t-taraġ kienu mgħawwemin ġewwa xmara dawl tal-qamar, dieħel miż-żġieġ tat-tieqa li tâti għall-ġnien. Kont tista' tilmaħ labra. Matilde qagħdet tissamma'. Wara ftit telgħet Kitty u qaltilha b'leħen li bil-kemm kemm tinsama': "It-tabib".

"Tellgħu fis-sala".

* * *

"Kont għaddej minn din it-triq, ġej minn żjara. Ilmaħt id-dawl fil-kmamar ta' fuq u ħsibt li għadek imqajma. Agħdirni. Ma tânix il-qalb li nħallik tistenna sa għada" qal it-tabib huwa u dieħel.

L-armla Matilde, li kienet għadha fl-aħjar tagħha, mara ta' sitta u għoxrin sena, dak il-ħin dehret iżjed u iżjed wieqfa u kburija, għalkemm il-ħsieb ta' niket u mrar, wara l-mewt tar-raġel

u issa l-ħsieb u l-ftit ta' biża' għall-ħass ħażin tat-tifla kienu ħadmu u għakksu fuqha mhux ftit. Għajnejha jleqqu jleqqu bħal xrar iswed minn żewġ ħofor li rabbew l-ikħal, imqaċċat iktar u iktar bil-lewn ta' dak il-wiċċ qamħi mitfi, imkasbar aħmar. Inbagħad dik ix-xuxa tagħha, imġiegħda 'l hawn u 'l hinn, nieżla mimlija mimlija, mitluqa għal kollox sa qaddha. Kollox kien juri fiha d-dija ta' żmien sabiħ... mitfi bl-isħâb iswed li għadda minn fuq dak il-wiċċ minngħajr ma kifes u ħassar għal kollox il-lewn taż-żgħużija. Ġiet il-quddiem b'mixja meħjuta, meħjuta, ġabret id-djul tal-libsa *kimono*, qagħdet fuq pultruna tal-ġewż bid-dirgħajn imnaqqxin difrejn l-ajkla, kemmxet ħwiġbejha, qarset bi snienha xuftejha u ħakmet ġewwa subgħajha t-twal dawk id-dwiefer u staqsiet bil-ħarsa. It-tabib bil-wieqfa fehem dik il-laqgħa xotta xotta u raġa' :

" Xi tgħidli ?

" Ridtek.

" Nista' naraha ?

" Ħalliha torqod lil dik l-imsejkna... tarak dal-ħin: le tabib !

" Għaliex ?

" Naf jien". It-tabib baqa' ħosbien.

" Tajjeb, niġi għada.

" Aħjar.

" Nittamaw li sa l-ewwel tas-sena Biċe tkun imfejqa, u lilek, sinjura, narawk magħna. Int fost kollox għandek bżonn il-ħruġ". U kif qal hekk, it-tabib Andrè resaq bis-siġġu ħdejn Matilde. Din qamet minnu-fih u tât ħarsa minn taħt. "Għaliex?" staqsa mistagħġeb "għadek fl-aħjar tiegħek... tarmix taħt riġlejk il-ftit ġranet egħżież tal-ħajja. Tlift f'qasir żmien lil min sata' jħennilek id-dwejjaq ta' għomrok. La taqtâx qalbek. Emminni ġġibli ħniena. Inti sbejħa... inti li għandek...

" Le tabib... le tabib... jiena u t-tifla... Il-lejl it-tajjeb.

"La tiċħadx għal l-inqas il-ġmiel u l-hena ta' din il-ħajja qabel ma jgħibu għal kollox minn fuqna. Nagħdrek". U ħataf l-id kiesħa ta' Matilde: "Kiesħa".

" Bħal qalbi.

" M'għandux ikun. Le, sinjura Matilde.

" Tassew ? " Qamet bi tbissima fuq xufftejha u ntefgħet l-ura biex teħles minn dik il-għafsa barranija. Siktu t-tnejn.

Biċe kienet tisgħol. Matilde ġabret u ħbiet ġewwa fommha dik id-daħka, sfaret u tregħdet. Biċe sogħlot bil-qawwi. Li kieku xi ħadd ġie dak il-ħin iheddidha bil-mewt, ma kinitx tinbidel daqshekk. "Mamà" għajtet Biċe mill-kamra l-oħra. It-

tabib minngħajr ma basar b'dik il-għajta, ħass ruħu mraġġa' l-ura u staħa minnu n-nifsu. Matilde telqet tiġri ġewwa l-kamra tal-marida u t-tabib, minngħair ebda kliem, mejjel rasu bħal ħalliel maqbut. Qabad it-taraġ u fuq xifer iż-żarbun niżel b'ġirja kbira, fetaħ minn rajh il-bieb ta' barra u telaq.

* * *

Il-għada Biċe qamet magħdura iżjed u iżjed. "Biċe, Biċe", sejħitilha ommha ma kif lemħitha tbexxaq għajnejha u tarġa' tagħlaqhom hija u qiegħda ma' ġenbha, "Biċe". Biċe fetħet għajnejha għal kollox u bdiet tħares ċass. Dik il-ħarsa kemm u kemm xorti riedet tgħid! Biċe bil-kemm setgħet tiftaħ fommha. Matilde b'idejha f'ħoġorha u s-swaba' mgħaqqda f'xulxin, stħat u ħbiet wiċċha. Il-qlub tat-tifla u ta' l-omm kellhom xi jgħidu. Matilde qalbet għajnejha, imma t-tifla b'xuftejha marbuta kienet għadha tħares lejha ċass b'żewġt iħbub ta' għajnejn ta' kwiekeb jiddu jiddu f'lejla mudlama u ħiemda. Ma felħitx. U qamet ħanina, ħanina, għaddiet id il-waħda fuq ix-xuxa tagħha u bl-oħra melset dak il-wiċċ żgħir ta' blanzun mormi li kien donnu fetaħ u blieq. "Ċkejkna tiegħi, ma rqadx?" staqsiet. "Taħraq, miskina, taħraq. Għidli, Biċe, kellimha lill-mamà u... le, dik il-ħarsa, le..." Biċe qalbet rasha u difnet wiċċha qalb l-imħaded tar-rix.

" X'waħda din... Ma tħobbhiex lill-mamà?

" Le... le... le..." għajtet din b'tixhira qawwija bħal mita wara s-sħab iswed li jgħatti s-sema kollu, wara berqa jew tnejn tinfexx tinżel ix-xita bil-qliel. Biċe inqasmet tibki. Ommha mitlufa, inxeħtet fuqha. It-tifla dejjem wiċċha moħbi b'idejha l-waħda bdiet twarrab 'l ommha minn ħdejha.

* * *

" Marridx... mur, mur. Mamà keċċih dak il-wiċċ, mamà", u nfexxet tibki.

" X'waħda din " qabżet l-omm hija u dieħla mat-tabib ġewwa l-kamra.

" Thewden ", qal it-tabib u tbiddel. Resaq lejn il-marida, messilha l-polz kemm kemm, beżgħân li ma jqajjimhiex. "Għad għandha ftit tad-deni". Matilde baqgħet rasha mmejla lejn l-art. " X'int taħseb ? " Staqsieha Andrè fil-waqt li ġabrilha ġewwa tiegħu dawk l-idejn kiesħa ta' waħda mnikkta u mitlufa għal kollox. Minngħajr ma riedet, intelqet f'ħoġru u nqasmet f'bikja. " Nibża'... nibża' li se' nitlifha ".

It-tifla qamet, it-tabib ingħażel mn-idejn l-omm u beda jżiegħel

biċ-ċkejkna. Din ħarset lejh ikrah, ikrah, ħarġet bħala leħħa minn ġol-friex għal ġewwa ħdan ommha, ħakmitha, rabtet idejha t-tnejn ma' dwar id-dirgħajn tagħha, trasset, trasset b'saħħa u b'ħila kbira ta' bniedma barra minn sessiha u bi twerżiqa li taqsam il-blat, b'għajnejn ta' nar iswed u b'wiċċ imbikkem, it-tifla bdiet tgħajjat: "Mamà, mamà, ma rridux".

It-tabib kien bil-qiegħda u qam minngħajr ħoss. Qal xi-ħaġa f'widnejn Matilde u ħareġ. Biċe baqgħet twasslu bil-ħarsa beżgħana, imbikkija, sa kemm għâb. Ommha bdiet tbusha u tmellisha. "Dak in-nunu... jħobbok..." qaltilha u tbusha. Imma din kollha mwerwra kienet għadha tħares lejn il-bieb u tibki u tgħajjat: " Mur... mur... ma rridx, ma rridx, ma rridx ".

* * *

Kienet l-ewwel tas-sena. Biċe sebħet aħjar. Ommha ħdejha tnewlilha minn ġewwa kaxxa ta' l-injam il-għamara ċkejkna, ħwejjeġ tat twaletta u tal-kċina għall-pupa l-kbira li kienet xtratilha u qiegħditilha ħdejn is-sodda. Hallietha ftit ma' Kitty sa kemm ħarġet ħarġa u ġiet. It-tifla kellha ftit tal-buri. Qamet u qagħdet bil-qiegħda u ħadet mn-idejn ommha dawk il-ħwejjeġ tal-logħob minngħajr ma bexxqet fommha. Dawk iż-żewġt iqlub għad kellhom xi jgħidu. Wara ftit deher Andrè. Iċ-ċkejkna ħarset lejh ħarsa minn taħt il-taħt. Ratu jneħħi l-ingwanti; baqa' bil-kapott fuqu u l-kappell f'rasu. Ta idu l-waħda lill-mamà tagħha, inbagħad ħareġ qartas kbir minn butu. Fetħu. Kien mimli bi ġlieġel, djar ta' l-injam, mirja, foħħar, mobbli ċkejkna u ħafna ħwejjeġ oħra. Resaq bid-daħka ħdejn Biċe, messilha l-polz. "Aħjar—Rasha wisq aħjar—Brava" qal u tafa' f'ħoġorha kull ma kellu f'idu.

Biċe baqgħet tidha bil-ħwejjeġ l-oħra ta' ommha. It-tabib warrab. Matilde kienet qiegħda tinża' l-kappel u l-boâ quddiem il-mera u rat kollox. Tkexkxet, u ġiebet quddiem għajnejha r-ruħ imqita tal-mejjet żewġha, missier it-tifla—dik ix-xbieha ta' rabta kbira ta' mħabba u ta' biża'.—Dawret wiċċha, semgħet bħal żarżir f'widnitha. Kien it-tabib jitkellem ħiemed, ħiemed: "Sejjer. Il-lejla fil-għaxra għall-ballu".

It-tabib għab, Matilde resqet lejn is-sodda u sabet lil Biċe minduda b'idejha t-tnejn fuq wiċċha, bil-pupa ħdejn rasha, u l-istrina tat-tabib mixħuta u mxerrda fuq it-tapit.

* * *

" Kitty jiena sejra" qalet Matilde lill-kamriera hi u nieżla t-taraġ. Kollha mdandna, mkebba ġewwa kappa tal-bellus iswed

miksija minn taħt bis-satin aħmar. Rasha mikxufa għal kollox u ma' dwar ix-xagħar imġiegħed, meħlus u mtalla' 'l-fuq u miġbur fil-ġnieb b'żewġ dafriet mitwija, tagħmira tal-labar bir-ras tal-ġawhar kienet tiddi bħal qtar tan-nida fuq il-ħaxix kif tfeġġ ix-xemx. Il-bieb ta' barra ngħalaq. Urajha ħalliet bħal daħna ta' tibħir riħa ta' balzmu u vjoli li taqsam il-qlub. Insama bħal tkaxkir ta' roti, bħal għajta ta' wiżż... inbagħad bħal ragħda qawwija... kien il-*Motor Car* tielaq. Inbagħad ebda ħoss iżjed. Kitty telgħet fuq, daħlet fil-kamra ta' rqad. Biċe kienet rieqda bil-pupa ħdejn rasha—u daħlet f'kamritha torqod.

* * *

Kien għadu nofs il-lejl. Biċe tqalbet. Ma setgħetx torqod. Fetħet għajnejha. Sejħet: "Mamâ". Ebda tweġiba u bdiet tisgħol kemm tiflaħ. Kien bard li jidħol fil-għadam. Għamlet il-ħila u qamet. Imxiet u resqet lejn is-sodda ta' ommha. Il-għata, l-imħaded, ix-xaqliba tal-liżar, kollox bla minsusa xejn. Kif kien ?

Fetħet kemm xejn il-bieb li jâti għat-taraġ. Dlam ċappa u ebda ħoss. Ħarset dwar il-kamra. Fuq id-divan kien hemm mitfugħin ħwejjeġ ommha tad-dar. Għadda ħsieb ħażin. Fetħet it-tieqa li tâti għal barra. Ġiebet siġġu, qagħdet bil-qiegħda tħares lejn dak il-mewġ għaddej... lejn dawk l-isħab iswed miksur mid-dwal ta' ġewwa l-belt... hemm isfel... fejn ommha iktarx li kienet staħbiet. U ħasbet. . Qalb dawk l-idħaħen ta' sħab mixgħul, qalb dawk il-ħsejjes ta' żwiemel u roti għaddejja, qalb dak ir-ragħad u tgeġwiġ ta' nies mitlufa, qalb dik ir-rassa u taħlit... jiddu biż-żina fid-dawl... ileqqu bid-deheb u ġawhar ta' fuqhom, quddiem il-mirja u ż-żġieġ, mgħammra bil-ħwejjeġ tal-ħarir, tal-bizzilla, tal-bellus u rix iżewwaq b'kull lewn. X'ġenna... u ġo qalbha (miskina weħidha li qiegħda tħoss il-bard tistenna u tgħarrex !) ġo qalbha għandha l-biki... u tħossu u trid tinqasam... imma ħadd, ħadd ma jismagħha... Dak it-tabib Andrè... iva Andrè seraqhielha... u ħadha ġewwa dik il-kotra ta' ommijiet ħżiena li ħallew 'l uliedhom reqdin uħudhom... Ħarset lejn il-pupa, dak il-wiċċ ta' pupa bil-għajnejn miftuħa... — dik il-ħanina sieħba li baqgħet magħha tishar...—u ħaddnitha magħha u bisitha bid-dmugħ...

" Għaliex ommi ħallietni ? Għaliex marret ma' dak il-bniedem li jiena ma naħmilx ?". U baqgħet ħosbiena tħares biex tilmaħ u tikxef... Bil-ftit il-ftit id-dwal bdew jintfew u l-ħsejjes u l-agħjat tan-nies jieħdew għal kollox... Sa kemm kollox waqa' f'dalma u skiet li jwaħħxu.

Il-għajnejn ta' Biċe f'dak id-dlam kollu ntilfu. Ħasset iż-żiffa tal-lejl kiesħa kiesħa taħbat mal-qoxra ta' wiċċha... bdiet tisgħol u tisgħol, meddet rasha fuq idejha u raqdet.

* * *

Matilde kollha mħarbta u qalbha maqtugħa wieqfa ħdejn is-sodda bl-imgħarfa tad-duwa f'idha l-waħda, kienet qiegħda tit-ħabat biex iddewwaq liċ-ċkejkna Biċe. Katy il-ġenb l-ieħor iż-żomm dirgħajn it-tifla hi u tqajjimha. Kollu għal xejn. It-tifla bħal barra minn sessiha ma riedet tieħu xejn ; twarrab kollox minn ħalqha u minn ħdejha, saħansitra 'l ommha. B'għajnejn imberrqa, b'nifs maqtugħ tilheġ u titħabat u tneħħi minn fuqha l-għata u l-friex ; tagħmel il-ħila li tqum fuq saqajha, imma rasha tagħlibha u tinxeħet u titkellem kliem minngħajr ebda tifsir. Bdiet tħewden u tgħid... u tħares lejn l-ajru : "Ma rridx... dak il-wiċċ... le mamà... irrid niġi... ma rridx... le mamà..." Infexxet f'bikja, bdiet twerżaq... imma l-leħġa żammitilha n-nifs u minn-għajr ħila waqgħet għal waranijiet fuq l-imħaded, tmaħmaħ u tomgħod il-kliem sa qagħdet, u ħlief in-nifs qawwi ta' sidirha tiela' u nieżel bħal minfaħ, ebda kelma ta' weġgħa ma setgħet toħroġ minn fomm dik l-imsejkna ta' tifla... Xi tgergir irqiq, irqiq, maħnuq beda wara xi ftit jinsama' minn ġewwa dik ir-ruħ imħabbta... tgergir li kien jixxiebaħ lit-taħbit tal-baħar mal-blat ta' ġol-għar wara li r-riħ ikun raqad għal kollox.

* * *

Andrè ħabbat il-bieb tal-kamra. Matilde tħarket minn ħdejn is-sodda u ġiet tiftaħ. It-tabib ħass bħal dagħdigħa kbira hekk kif deher quddiem dak il-wiċċ safrani u mbikkem ta' Matilde u minngħajr ma saqsa xejn raġa' għalaq il-bieb u baqa' minn barra fuq il-pjan tat-taraġ.

* * *

Jimxi u jdur il fuq u'l isfel minngħajr ebda qagħad u mistrieħ, fl-aħħar it-tabib mar wara l-bieb jissamma'. Skiet ta' l-oqbra. F'daqqa waħda għajta u twerżiqa kbira. Ħass il-għaraq ixoqq għal wiċċu. Kesaħ. Għamel ħiltu u fetaħ. Matilde kienet mix-ħuta fuq is-sodda b'xagħrha maħlul u mħabbel, Katy fuq siġġu tibki. Resaq mismut, mismut lejn ħoġor is-sodda. Biċe b'idha l-waħda mqabbda ġewwa dawk ta' ommha, rasha lejn il-ħajt. Għajnejha magħluqa għal kollox.......

" Qtilnieha... qtilnieha", għajtet l-omm fost biki kbir. Andrè neħħa l-kappell, baxxa rasu u baqa' bil-ħarsa mwaħħla ma' l-art... ħosbien. A. Ç.

# LILL-QAMAR

Imbikki w-kiebi, (1)
Hemm fis-smewwiet,
Qamar, x'int tagħmel
Da' l-ħinijiet?

Minn fost tal-kwiekeb
Dak il kbir għadd,
Għaliex, waħdieni,
Ma trid wens ħadd?

U tbiegħedt minnhom,
Ġejt minn'na qrib,
Donnok biex ħdejna
Faraġ issib! (2)

Kemm hu gustuż
Wiċċek imdawwar
Bl-għajnejn, l-imnieħer,
Bħan-nies, imsawwar!

Minn qawar ismek
Tgħid ġej jew qawra (3)
L'hi ħaġa tonda
Magħmula dawra?...

Hemm fuq bħal ġawhra
M'n-Alla ssawwart,
Toqgħod titgħaxxaq
Tħares lejn l-art:

Tħares bil-ħniena
Lejna mill-bgħid;
U x'għandek f'qalbek
Lil ħadd ma tgħid!

Lożrok, tal-fidda,
Tifrex fil-ħin,
Li jibdew dieħla
Siegħat reżħin:

Taqta' d-dell tiegħek
Taħt ġbiel u swar,
Ħitan ta' għlieqi,
U taħt id-djar.

Ġie waqt lejn wiċċek
Għajnejja tfajt
Mill-baxx ta' l-art
Lir-ruħi rfajt,

Lejk domt inħares
Qatigħ bil-qalb:
Nissiltli ħlewwa
Bis-swied-il-qalb!

Oh kemm iferraħ
Dawlek 'ill-qlub!
Fik ħsieb il-bniedem
Bil-għaxqa jdub!

Fl-ilma tal-vaska
Ta' nofs il-ġnien,
Bħalkieku f'mera,
Dlonk narak jien.

'Il wiċċek tara,
Mal-ħut imdieheb,
Li jżiġġ ġo fih,
Donnok titliegħeb!

F'ramla tal-fidda,
F'baħar nadif,
Ġie waqt jien rajtek,
Ħafif, ħafif,

Taqbeż ġo l-ilma,
Bħal bies qabbież,
U hemm ġew tgħammex
Għajnejn in-nies!

Daqqa narak
Qiesek mistrieħ,
Donnok benniena
Mdendla fir-riħ :

Donnok kajjikk
Qiegħed mindud
F'wiċċ l-ilma wati,
Ġmielek paxxut !

Ġie waqt stħajjiltek,
Qalb sħab u fewġ,
Qlugħ abjad jiġri
Jofroq il-mewġ,

F'baħar is-sema
Wiesa'.... q'ed tħuf....
Xi tkun ?... titfarraġ ? (4)
Jew tkun.... mitluf ?... (5)

Ġie mmejjel rajtek
Wieqaf, merfugħ
Għas-safar lest
Bħal qlugħ miftuħ !

Ġie l'int stenbaħt
Aħmar bħan-nar !
Wisq drabijiet
X'narak musfar !

Jekk wiċċek mimli
Narak il-lum;
X'ilu li rajtek
Tonqos kull jum ?

Xtaqt naf kif sew
Lilek insib,
Kieku kont nista'
Niġi lejk qrib.

Ma fikx, qaluli,
Ħlief ġbiel għoljin
Ħfar u għerien
Wisq mudlamin !

U ilma w-ħdura
Fik le ma hemmx
Avolja żżurek
Kull jum ix-xemx !

Drabi, minn wara
Li ħsibt wisq fik,
Għidt : qatgħuhielek
Li tgħix għalik !

F'beraħ is-sema,
Ta' l-art qaddej, (6)
Dejjem imtarraf (7)
Ħajtek għaddej !

Għidt: din hi dik
L-imsejkna kewkba,
Li qiegħda tagħmel
Ġo l-ajru tewba ! (8)

Forsix, li t'ommok (9)
Int tlift il-jedd,
Talli minn ħdanha
Waħdek tbigħedt?

Wennies il-ljieli,
Tħoss fik il-waħx ? !
Frott barra m'n-ommu
Ma jissaħħaħx !...

Ġewwa l-imsieraħ
Minn tas-smewwiet,
Qamar, x'int tagħmel
F'dil-ħimda u s-skiet ?

Nistħajlek bniedem
Magħmul għalik,
Ma trid 'il ħadd
Min imerik !

U li ġrajjietek
Fiha l-mistur,
Li jibqa' dejjem
Ġo fik miġbur !

Ħonnok ruħ żota ; (10)
Għaljan, ħosbien
Tal-maħbub'ommok
Għala t-telfien.

Dort mitt elf darba
Madwarha u rġajt
'Mma tmur f'ħoġorha
Tarġa' ma stajt !

Għax għad li s-sema
Terraqt u mxejt
Sew fejn kont qabel
Int irġajt ġejt !

Ewwilla fl-aħħar
Għad jiġi ż-żmien,
Ma' xulxin taħbtu,
Tmutu flimkien !

Ommok sidrija, (11)
Ma għamlitlekx,
«Għax qies f'egħmilek»
Qaltlek «m'għandekx !

Jekk, daqqa tikber,
Daqqa tiċkien,
Infassalhielek
Kif nista' jien !»

B'ħafna tmaqdir
Nies tgħid lil nies
«Tbiddel bħall-qamar,
Kemm int bla qies!»

U madankollu
Taf x'naf ingħid:
Bik iż-żmien qiesu
Minn żmien wisq bgħid !

Fuqek igħid
Kull ħadd li jrid,
Min l-iżjed għandu
Iktar iżid !

Boloħ xebbhuk
Bniedem keċwiel,
Għorrief semmewk
Sultan-il-ljiel.

Ukoll ħasbuk (12)
L'int xi xifajk
Ġej bik in-nifsek
Ġewwa dirgħajk:

Fit-telfa tiegħek,
Ħasbu, sefirt,
Bil-qamar xiħ
'L hawn irġajt dhirt !

Jgħidu jarawk
Bil-pipa f'ħalqek,
Għidtilhom jien:
Hekk Alla ħalqek.

Sa, qalu, mgermed (13)
Ill' inti bqajt,
Għaliex, ta' luħ,
Daqqa kont qlajt.

Bejnek u d-dinja
Għad baqa' r-rbit,
Juri li taqsmu
Għandkom, m'hux ftit !

Xħin tidher int, (14)
Felli jew sħiħ,
Kollu ġo fik
Tibilgħu r-riħ !

U donnok għandek
Is-sħarijiet:
Minn l-ajru tiknes
Is-sħabijiet !

Il-bidwi tagħna
Jaħlef għalik:
F'tilqim u żrigħ....
Iqejjes bik !

Sal-baħar, jgħidu,
Li tagħmel bih:
Imħabba fik
Mewġu jgħollih!

Min biż-żejt tiegħek
M'hux sew mitħun
Joħroġ qammar? !
Joħroġ miġnun???

Int is-saħħieħ!
Għax, sal-fellus,
Jiswa ma jkunx
F'telfek mifqus. (15)

X'għorrief ix-xorti (16)
Tan-nies jaqraw
Fit-tibdil tiegħek:
Beħġiet jaraw! (17).

Tbissim is-sema
Il-lum ħabbâr;
Għada werrej
Ta' rwiefen kbar!

Waqt illi nkellmek
X'inti tmur bgħid!
Ewwilla ndejqek
B'li qiegħed ngħid?......

Għoddok inħbejt
Wara l-għoljiet
Se'r tferraħ hemm
Tiegħek l-għommiet?....

Qamar maħbub
Se'r inħallik,
Il-lejl it-tajjeb
Sejjer natik!

Bis-sliema mur,
Qamar, ja qamar,
Niltaqgħu għada,
Jekk Alla jamar.

V. M. B.

(1) Kiebi = qalbek sewda.

(2) Dil-poëżija aktarx miġbuda fuq li l-qamar—skond it-teörija jew turija ta' xi għorrief—kien, għal l-ewwel biċċa waħda mad-dinja tagħna, u li nbagħad fil-bidu tad-dawran mgħaġġel tagħha kien inqata' minnha—qisu t-tifel tagħha.

(3) Qawra = sura ta' ħaġa magħmula dawra.

(4) titfarraġ = hawn tfisser tagħmel dawra għal l-arja.

(5) mitluf. Hawn tfisser tilef triqtu ma jafx fejn hu. Dan infissruh l-iżjed biex nuru li ma għandu x'jaqsam xejn mal-qamar mitluf jew fit-telfa tiegħu, jiġifieri mita jgħaddi f'dawk il-jumejn jew tlieta li fihom ma jidher xejn waqt it-tiġdid tiegħu.

(6) Qaddej. L-oqmra jissejħu satélliti, jiġifieri qaddejja, wenniesa u għax iduru ma' dinjiet kbar, u jwensuhom b'dawlhom bil-lejl.

(7) mtarraf = it-turufnat.

(8) tewba = penitenza.

(9) "Forsix li t'ommok"......b'dak li jiġi wara. Għidna li l-qamar kien inqata' mid-dinja hija u ddur mita kienet għadha ratba. Maħruġ barra mill-balla ta' l-arja tagħha, jaħsbu baqa' jiġġiera fit-tibwiq sa ma' sab ruħu mwieżen u jimxi fuq il-ħażż tiegħu madwar id-dinja, fejn baqa' sejjer sa l-lum b'rabta mbegħda iva, iżda m'hix maħlula għal kollox. Il-kittieb donnu jħoss mogħdrija għalih bħala iben maħrub.

(10) ruħ żota = qisu eremita.

(11) "Ommok sidrija ecc:" Il-ħrafa maltija tgħid li jum fost l-oħrajn il-qamar qal 'l ommu: "j'omm irrid inkellmek.—Kellimni.—Għaliex ma tagħmillix sidrija?—Ibni kif tridni nagħmilhielek din is sidrija?" qaltlu "inti daqqa kbir u daqqa żgħir, daqqa oħxon u daqqa rqiq, ma nistâx infassal waħda li tiġik".—"X'għandi nagħmel?"—"L-aħjar li tagħmel oqgħod kif int". U m'għamlitlu xejn.

(12) "Ukoll ħasbuk.. ." bl-istrofa kollha, u ta' warajha: Ħabta tat-tiġdid tiegħu, jum u tnejn 'l hawn u 'l hinn, il-qamar jieħu dik is-sura li jgħidulha "*Il-Qamar ġdid bil-qamar xiħ fuk dirgħajh*" Ikun jidher bħal felli rqiq tad-dulliegħ, jew iż-żewġt iswaba', il-werrej u l-kbir, miftuħin u milwijin bħall-gorvu ta' rota jżommu ballun, bħalkieku sejrin jitilquh. Il-felli jkun il-biċċa qamar milquta żmerċ mid-dija tax-xemx; id-dawra dawl l-ieħor mitfi jkun id-dawl ta' l-art tagħna middi għal fuq il-bqija (il-biċċa l-kbira) tal-qamar. Dak il-ħin il-qamar, qiegħed jibda' jikber, ikun sejjer għal l-ewwel kwart, nieżel lejn il-għarb (punent), wara x-xemx sewwa. Dis-sura tal-qamar bl-isfumatura tad-dawl taf għax tidher? għax id-dawl tal-qamar sewwa (propja, li jieħu mix-xemx) ikun għadu dgħajjef; — la jġedded sewwa, id-dawl il-matt, magħlub minn l-ieħor, li jkun tqawwa, ma narawhx iżjed.

(13) "...mgermed... għax qlajt daqqa ta' luħ..." Tgħid il-ħrafa maltija: "Il-qamar mar għand il-ħabbieża (furnara) u talab lill-għaġġiena nitfa għaġina—"biex nagħmilha fettul". Tawh. Il-ħabbieża xeħtithielu fil-kuxa (forn) biex taħmihielu: u kibret ħafna. Ratha hekk kbira, il-mara li tathielu, qalbha reqqet, ma ridetx kieku tħallihielu. Qatgħet biċċa oħra iżgħar minn bidilha, u reġgħet tatha lill-ħabbieża bħal qabel. Din ġiet iżjed kbira. Qatgħet biċċa iċken u din fil-kuxa tarġa ġiet ikbar minn ta' qbilha li anqas setgħet toħroġ. Il-ħabbieża telgħulha u tatu daqqa ta' luħ (pala). U għalhekk wiċċu, igħidu, baqa' mgermed.

(14) Il-qamar, igħidu, mita jitla' jiekol kollox, jiġifieri iħarrab, ikeċċi li jkun hemm fl-ajru riħ, sħab, x'naf jien. Il-Kittieb għal mument, għal bżonn, għall-ħsieb tiegħu, joqgħod għal dak li jgħidu: xi jdaħħlu jekk hux minnu jew le?

(15) Il-malti jgħid: tqigħedx qroqqa fit-telfa tal-qamar.

(16) X'għorrief ecc. It-twemmin li l-bniedem jagħmel malqamar ma nqatâx.... *X'għorrief* flok *xi għorrief*.

(17) Beħġa tfisser kif inhi idu il-bniedem fil-kitba fit-taħdit—karattru. Hawn tfisser kif inhu magħmul il-bniedem tajjeb jew ħażin, x'fih l-iktar li jolqtok, x'għandu li jati fil-għajn li juri kif inhu magħġun fil-barma ta' moħħu, fix-xeħta ta' qalbu—karattru.

# X'JIKTBULNA

*Inġibu bil-qalb din l-ittra li bagħtilna l-Kumitat tal-*Partit tal-Ħaddiema, *bit-tama li tkun tiswa ta' eżempju tajjeb lil ħaddieħor* :

PARTIT TAL-ĦADDIEMA
143, Sda. Britannica,

Valletta, 17 ta' Novembru 1925.

Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Esekuttiv tal-*Partit tal-Ħaddiema* għadda *nem. con.* illi l-ortografija li l-Partit jagħraf u li għandu juża fil-ħwejjeġ uffiċjali tiegħu, għandha tkun dik li ħarġet mill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*

Għoddni tiegħek,
G. ORLANDO,
*Segretarju Ġenerali.*

President "*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*"
Valletta.

# IT-TALLABA.

## (MINN TA' MATILDE SERAO)

*(Jaqbad fuq il-għadd ta' qabel u jispiċċa)*

Il-ġurnata tal-Ħadd li ġiet wara, it-tfajla kienet tħossha qiegħda tmut. Kull-tant kienu jerħuha l-forzi u kienet tintelaq kobba fl-art. Il-ħwienet kienu magħluqin, in-nies, għaddejja mgħaġġla, ma kinux jatu kontha, kollha kienu sejrin lejn it-toroq ta' fuq, u jgħibu 'l hemm: hi baqgħet tħares lejhom minngħajr ma taf għal fejn. Daħlet fil-knisja ta' Portanova. Il-knisja kienet battala, dehritilha kbira u tal-biża; tâtha tkexkixa bard, saqajha ħafjin fuq l-irħam; is-sagristan, ħatafha minn għonqha u tefagħha l-barra. Reġgħet bdiet tiġri qalb dawk it-triqat bla nies: rat ruħha weħida, sewdet qalbha. Kull-ħadd kien telqilha 'l hemm fuq.

Hawn, insiet il-biża' tagħha; imġiegħla mill-ġuħ, qabżet it-triq, għaddiet il-misraħ ta' "Rua Catalana", telgħet it-turġien ta' San Ġużepp.

Stagħġbet mita rat dak li qatt ma kienet rat qabel: triq, wiesgħa, ħwienet sbieħ, palazzi kbar, ġonna mimlija siġar, wiċċ is-sema fil-beraħ. Insiet il-ġuħ tagħha quddiem dak il-ġmiel: ma ħasbetx iżjed, insiet il-għaks tagħha, u waqfet tħares, maħruġa minnha nfisha, lejn ħanut tal-pupi. Hemm fuq kien kollox sabiħ! hi baqgħet miexja man-nies li kienu sejrin lejn il-għajn il-kbira "Medina", tieqaf kull-mument, imqanqla, kurjuża, mifxula, insiet titlob il-karità. Il-karrozzi biss beżżgħuha b'dak it-tislib tagħhom ma jaqta' xejn, telgħet timxi fuq il-bankina. Fil-misraħ tal-"Muniċipju", il-għajja rikibha, għalhekk intelqet fuq bank biswit il-ġonna; stejqret wara ftit, qamet u ġriet hija wkoll lejn *San Karlu:* hemm intilfet qalb il-folla, ċkejkna bħal ma kienet, sabet ruħha mkarkra lejn *San Ferdinandu.* Ma rat xejn, mank tidher fost in-nies; ħasset ruħha flokha! Kull-tant kienet tara għaddej minn fuq rasha bukkett ward, inbagħad ieħor, inbagħad xita sħiħa ta' ward: minn xi daqqiet il-folla kienet tinxeħet fuq ġenb wieħed, biex tgħaddi karrozza b'sinjura minn l-isbaħ ġewwa fiha, qiegħda fost il-ward u d-damask. It-tfajla stħajlitha li qiegħda toħlom: skantat b'dak li rat. Għadda ħafna ħin u beda jidlam.

Beda jidlam: ix-xħit tal-ward beda jonqos, il-ħsejjes jit-biegħdu, in-nies titbattal. Ma' ġenb it-tfajla għaddiet mara tant

sabiħa, b'libsa sewda, skullata, wiċċha abjad u daħkani, b'imsielet tad-djamanti f'widnejha: kellha f'idha kannestru mimli ward, bukketti u blanzuni l-aktar ifuħu. Kienet bejjiegħa l-fjuri ta' ġmiel liema bħalu, b'qiegħ il-kannestru mimli flus.

"Sinjura, sinjura!—insemgħet vuċi ta' tarbija l-aktar ħelwa—Tini warda!" Kien leħen it-tallaba.

U dik il-mara sabiħa b'bixla ħelwa u ħafifa ħalliet taqa' f'idejn it-tfajla qabda qronfol. It-tallaba daħkitilha u waħħlet qronfla f'tiċrita tal-qmis, u riedet hija wkoll tbiegħ il-fjuri, iżda n-nies minn għandha ma ridux jixtru. Student, moħħu fuq il-werqa, qalilha: "mita tikber iżjed, tkun tista' tbiegħ il-fjuri".—Sinjur smin u ta' qalb xierfa bida jgħajjat, u joħodha kontra t-tlaleb u kontra n-nuqqas ta' ħila tal-pulizija il ma twaqqafx dan il-ksir ir-ras. It-tfajla ma fehmitx dak iż-żebligħ, iżda fehmet li kienu q'ed irexuha. Anqas hemm fuq ma sabet ħniena! Hi kienet imqattgħa ċraret, ħafja u kerha: għajnejha kbar u mberrqa, kienu jbeżżgħu, rasha mqanfda, snienha bojjod, u xuftejha sofor. Hawn il-ġuħ reġa' ghamel biha aktar qalil minn qabel, dak il-ħin kienet biswit il-lukanda franċiża, mnejn kienet ħierġa riħa ta' ħobż frisk u ta' laħam mixwi, li kienet sejra tatiha għaxwa. Idejha bdew joffru l-fjuri bla ma fommha seta' jitkellem, karba ċkejkna qanqlitilha sidirha. Għadda suldat, xtara qronfla, u taha sold. Kien biżżejjed għaliha! It-tfajla daħkitlu, u daħlet il-forn biex tixtri ħbejża. Riedet titlaq, imma reġa' qabadha l-biża'. Dawk il-karrożżi kienu jistorduha, hi li kienet trid tgħaddi għan-naħa l-oħra. Għaddset rasha, telqet tiġri.........F'karrozza, sinjura, għajtet għajta u ntilfet.

Fit-triq, ħdejn il-bankina kienet tinsab agunija tfajla innoċenti, b'saqajha miksurin, u mgħarr'ra f'demmha. Ruħha ħierġa: bil-qronfol imdawwar magħha, b'idha l-waħda tagħfas qronfla fuq sidirha, u b'idha l-oħra żżomm il-ħbejża, b'wiċċha safrani, kwieta u siekta, ħalqha mbexxaq, bid-demm iċarċar ma' xufftejha, b'għajnejha kbar mistagħġbin iħarsu lejn is-Sema.

Mietet!......

Nies ta' qalb ħanina, ieqfu ħarsu lejha: għinu bil-karità tagħkom lill-fqajrin u taffulhom kemm tistgħu d-dwejjaq u n-niket tagħhom!

TMIEM.

**Ġużè Micallef Goggi.**

# IL-WERREJ
# TA' L-EWWEL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| L-Ewwel Kelmiet . . . . | **G. Muscat-Azzopardi** | 3 |
| Is-Sengħa tal-Kitba . . . . . . | **Dun Karm** | 6-97 |
| L-Ilma li nixorbu. . . . . . . | **T. Z.** | 10 |
| *Ortografia Maltese* (*Melita* Vol. V, 2 1925) . . | **S.** | 12 |
| Il-Ħolma twettqet . . . . . . . . | **P.** | 13 |
| Mons. Mikiel Gonzi (*Poëżija*) . . . | **Dun Karm** | 14 |
| Nagħmlu l-Ġid. . . . . . . | **Karmnu Sant** | 15 |
| Il-Miġja f'Malta tar-Re u r-Reġina ta' Napli u Sqallija-- | **Ġuże Gatt** | 16 |
| Mistoqsijiet u Tweġibiet . . . . . | **A. C.** | 19-49-82 |
| Il-Grammatka Maltija fic-Ċokon . | **F. S. Caruana** | 20-43-78-113 |
| X'Jiktbulna (L-ISQOF CARUANA—L-ISQOF CAMILLERI—G. FERRIS—G. SALIBA—P. PAWL TABONE) . | | 24 |
| L-Iskrittura Mqaddsa u kif inhi mnebbha mn-Alla— | **Mons. Karlu Cortis** | 26 |
| It-Trobbija tat-Tfal (MATILDE SERAO) | **G. Micallef Goggi** | 28 |
| Xinhi l-Ħajja tal-Bniedem (*Poëżija*) . | **Salvu Agius** | 30 |
| Kif bdiet u mxiet il-Għaqda. . . . . . | **S.** | 31-63-96 |
| Kelma lill-Ħbieb u oħra lil l-Egħdewwa | **G. Muscat Azzopardi** | 33 |
| "Xinhu l-Malti Safi" . . . . . . | **G. M. A.** | 34 |
| Il-Għerien ta' Ħal-Saflieni . . . . . | **T. Z.** | 35 |
| Lil Malta (*Poëżija*) . . . . . . | **Dun Karm** | 38 |
| Il-Kastell Sant'Anġlu . . | **Kan. G. M. Farrugia** | 39-70 |
| Id-Dud u l-Mard—*Id-Dubbien* . . . . . | **H.** | 41 |
| "Il-Gjublew" (ta' P. Indri minn Bormla Capp.) . | **S.** | 42 |

faċċata


| | | |
|---|---|---|
| Tislima u ferħa lill-"Malti" . . . . . . | M. | 47 |
| Tnehida *(Poëżija)* . . . . . . | C. M. B. | 48 |
| Malta Qadima . . . . . . . | R. Briffa | 51 |
| Il-Mard tat-Tfal . . . . . | Dr. P. P. Agius | 53 |
| Il-Għażżien.... *(Poëżija)* . . . . . | V. M. B. | 55 |
| X'kitbulna u X'weġibna—PROF. CARLO A. NALLINO u A. CREMONA) . . . . . . . . | | 57 |
| It-Tallaba (MATILDE SERAO) . | G. Micallef Goggi | 60-94-129 |
| Għal Ċimiterju . . . . . . | Dun Pawl | 62 |
| Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti 1920-25 | G. Muscat Azzopardi | 65 |
| Il-*Bravi* fid-Dar ta' Luċija—(A. MANZONI) . | Dun Pawl | 66 |
| X'qasma ta' Qalb . . . . . . | C. M. D. | 69 |
| Id-Dwell f'Malta fi żmien l-Ordni . . | Ġużê Gatt | 73-107 |
| Innu *(Il-Għawdxin f'Ruma)* . . . | G. M. A. | 81 |
| Il-Kelma "Ħal". . . . . . . | G. V. | 82 |
| ,, ,, . . . . . . . . | T. Z. | 112 |
| Qiegħ il-Baħar . . . . . . . . | M. | 83 |
| Nimxu l-quddiem . . . . . . | Karmnu Sant | 85 |
| It-Tilqim . . . . . . . . | S. B. | 86 |
| Ġens il-Malti *(Poëżija)* . . . . . . | R. Briffa | 89 |
| X'kitbulna u X'weġibna—(PATRI ALB. VACCARI u A. CREMONA) . . . . . . . . . | | 90 |
| Ħsibijiet 1-*It-talb* . . . . . . . | Dun Karm | 99 |
| Il-Katakombi. . . . . . . . . | T. Z. | 101 |
| Lill-Kittieba tal-"MALTI" . . . . . . | P | 103 |
| Il-Kappell u s-Sejf ta' La Valette . | Kan. G. M. Farrugia | 104 |
| Bejn Żewġt iqlub , . . . . . . . | A. C. | 117 |
| Lill-Qamar *(Poëżija)* . . . . . . | V M.B. | 123 |
| X'Jiktbulna (IL-PARTIT TAL-ĦADDIEMA) . . . . | | 128 |
| Il-Werrej ta' l-Ewwel Sena . . . . . . | | 131 |

# IL-VERB MALTI

Inġibu mill-*Habib* tal-31 ta' Ottubru 1925 din it-tabella tas-suriet tal-Verb Malti mqabbla u mqassma fuq kif il-Prof. P. Gabriele Maria da Aleppo Capp. qassam il-Verb Għarbi fil-Grammatka tiegħu *La Lingua Araba senza Maestro—Palermo* 1912 fil-faċċ. 165-7 u 258-62.




TWISSIJA (*) Dawn it-tmien numri huma għat-tmien suriet ta' verbi mnisslin tal-lsien Malti, kif inhuma fit-*Tagħrif* faċċ. 46.

Milli jidher hawn, tlieta huma s-suriet ta' verbi Għarbin li ma fihx il-Malti: Il-verb *sħiħ mehmuż* li jkollu *alef bil-hamża*, il-verb miżjud (iii) bl-*alef* quddimu, u l-aħħar sura (x) ta' verbi mnisslin li fil-Għarbi stess ma tantx tinsab.

# INWISSU

—Nitolbu lil min għadu ma ħallasx ta' din is-sena li jħittex iħallas; u nfakkru wkoll li bdan il-għadd jagħlaq il-ħlas tas-sena. Min irid jista' jħallas tas-sena li ġejja.

Il-flus (imqar bolli) jinbagħtu lil

F. S. CARUANA
19 Sda. Reale
Valletta.

—Ingħarrfu lill-Kittieba tagħna li barra minn l-artikuli fuq l-Istorja ta' Malta—li bihom nieħdu pjaċir ħafna u ntuhom l-ewwel post fil-ktieb tagħna—jistgħu jiktbulna wkoll fuq l-Istorja ta' Barra: ngħidu aħna fuq ir-Riforma Ngliża, ir-Rinaxximent Taljan, ir-Rivoluzzjoni Franċiża u ħwejjeġ bħal dawn. Dan għidnieh għax staqsewhulna.

—Ingħarrfu wkoll li dawk il-Kittieba li mal-kitba tagħhom jogħġobhom jibagħtulna xi *gliché*, aħna inġibuh bil-qalb kollha.

—Dawn il-granet fetaħ il-Mużew il-Ġdid fil-Berġa ta' l-Italja—quddiem il-Posta.

Il-lum nistgħu ngħidu li aħna wkoll għandna Mużew suriet in-nies bħal ma għandhom pajjiżi u bliet kbar oħra.

Dan il-Mużew hu mqassam hekk:

I. Arkeölogija taħt il-President Onorarju u Kittieb tagħna il-Prof Temi Zammit

II. Mineralogija taħt il-Viċi President Onorarju tagħna l-Avukat L. F. Mizzi

III. Storja Naturali taħt it-Tabib G. Despott.

IV. Belle Arti taħt is-Sur V. Borello.

Fil-ħin li nifirħu lil dawn is-sinjuri mix-xogħol tagħhom, nistidnuhom li jiktbulna xi ħaġa żgħira għall-MALTI fuq il biċċa tagħhom.

Il-Prof. Temi Zammit kitbilna artikolu żgħir fuq dan il-*Mużew il-Ġdid* li aħna nġibu bil-qalb kollha fil-għadd li ġej.

—Natu bil-qima kollha lill-ħbieb tal-MALTI is-*Sena t-tajba*.

Stampât fl-Empire Press